=

# Fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili

# (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali)

# Onor. Miriam Hayman

# Imhallef

**Rikors Kostituzzjonali Numru 87/2019MH**

**Sylvana Brannon f'isimha proprju kif ukoll in rapprezentanza ta' uliedha minuri Eva, Kieran u Tristan ilkoll ahwa Brannon, kif ukoll in rapprezentanza ta' binha minuri l-iehor Ethan Cappello**

**vs.**

**Avukat Generali u**

**Kummissarju tal-Pulizija**

**Ilum 15 ta' Novembru, 2019**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors Kostituzzjonali ta' Sylvana Brannon fejn ippremettiet is-segwenti:-**

*"Illi r-rikorrent hija separata minn ma' zewgha Travis Leigh Brannon b'kuntratt ta' Separazzjoni maghmul fl-14 ta' Frar 2007. Skont dan il-kuntratt, ir-rikorrenti ghandha l-kura u kustodja esklussiva ta' uliedha Eva u Kieran. Hija ghandha wkoll il-kura u kustodja 'de facto' ta' binha l-iehor Tristan li twieled*

*wara s-separazzjoni. Inoltre, hija ghandha l-kura u kustodja tal-minuri Ethan Capello.*

*Illi fl-2013 hija pprezentat Rikors Guramentat Numru 72/2013 li fih talbet illi l-kundizzjonijiet fil-kuntratt ta' Separazzjoni jigu modifikati fir-rigward tal-manteniment u xi hwejjeg ohra. Dan ir-Rikors Guramentat ghadu ma giex deciz.*

*Illi fit-3 ta' Gunju 2016, Travis Leigh Brannon ipprezenta rikors fil-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) b'Dokument A anness mieghu, li fih ghamel allegazzjonijiet serji kontra r-rikorrenti. B'digriet tas-6 ta' Gunju 2016 fl-atti tal-Ittra Numru 865/16 AL, il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) ordnat li r-rikors jigi notifikat lilha filwaqt li ordnat ukoll li d-Dokument A jibqa' ssigillat.*

*Illi fis-17 ta' Gunju 2016 ir-rikorrenti pprezentat risposta ghar-rikors tat-3 ta' Gunju 2016 li fiha kkontestat bil-qawwa dak li gie allegat fuqha fir-rikors ta' Travis Leigh Brannon.*

*Illi fl-20 ta' Gunju 2016 il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) hatret Avukat tat-Tfal biex tkellem lit-tfal u tirrelata dwar it-talba ta' Travis Leigh Brannon. Hija pprezentat ir-rapport taghha ta' zewg pagni fit-13 ta' Lulju 2016, wara laqgha ta' mhux aktar minn 10 minuti ma' kull wild Brannon.*

*Illi in segwitu ghar-ricezzjoni tar-rapport tal-Avukat tat-Tfal ma nzammet l-ebda seduta biex il-Qorti tisma' x'ghandhom x'ighidu r-rikorrenti u/jew Travis Leigh Brannon.*

*Illi fl-14 ta' Lulju 2016 il-Qorti ddegretat "Tilqa' t-talba u tordna li t-tfal jirrisjedu ma' missierhom bl-istess access ghal ommhom kif kellhom ghal missierhom." Il-Qorti ma ordnatx illi d-digriet ghandu jigi notifikat lir-rikorrenti qabel ma tingieb fis-sehh il-bidla dwar fejn it-tfal ghandhom jirrisjedu.*

*Illi f'wahda mid-dati tal-access li l-missier kellu mat-tfal, minghajr l-ebda preavviz, huwa qabad u ma hadhomx lura ghand ommhom u hallielha kopja tad-*

=

*digriet, u b'hekk hija saret taf bil-bidla ordnata mill-Qorti. It-tfal kienu gew ippreparati mill-missier biex jagixxu bil-mohbi ta' l-omm u ghalhekk ikkoperaw bis-shih mieghu.*

*Illi jirrizulta illi fl-imsemmi rikors tieghu tat-3 ta' Gunju 2016 Travis Leigh Brannon iddikjara illi: "Gara illi f'dawn l-ahhar granet it-tfal minuri tal-kontendenti skoprew portafol elettroniku tal-intimata ommhom b'hafna ritratti oxxeni, u in oltre skoprew ghadd ta' oggetti illi generalment jintuzaw ghal stimulazzjoni sesswali." Id-Dokument A esibit mar-rikors kien jirriferixxi ghal dan.*

*Illi kien proprju b'rizultat tad-dikjarazzjonijiet ta' missier it-tfal illi gie mehud lir-rikorrenti d-dritt li t-tfal ikomplu jirrisjedu esklussivament maghha, u dan minghajr l-ebda smigh u minghajr l-ebda investigazzjoni fuq l-allegazzjonijiet specifici foloz li saru u dwar il-provenjenza tal-materjal pornografiku, li fih ir-rikorrenti ma kienet bl-ebda mod rikonoxxibbli. Inoltre, ir-rikorrenti ma nghatat l-ebda opportunita` biex tikkummenta dwar il-kontenut tar-rapport tal-Avukat tat-Tfal qabel ma l-Qorti qabdet u ddecidiet. Id-dikjarazzjonijiet qarrieqa maghmula minn zewgha gew accettati cjekament u emnuti, u b'hekk il-qaghda fir-rigward ta' uliedha giet serjament ippregudikata. Izda, fir-realta`, kien hemm pjan qed jitwettaq, li r-rikorrenti ma kinitx taf bih, illi kien jinvolvi assocjazzjoni biex jitwettqu reati (artikolu 48 tal-Kap 9), bl-uzu ta' materjal pornografiku, biex isir 'frame-up' kontra taghha, liema assocjazzjoni biex isiru reati saret bejn certu Conrad Bajada u Ingrid Anastasi u l-imsemmi Travis Leigh Brannon. Tragikament, missier it-tfal, bla ebda skruplu, involva wkoll lill-istess uliedu u lil membri ohra tal-familja taghha fit-twettiq ta' dan il-pjan – bir-rizultat li r-rikorrenti giet isolata kompletament mis-'support system' tal-familja taghha. Gie determinat mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fil-kors tal-proceduri gudizzjarji li zvolgew wara quddiem gudikant differenti (Rikors Numru 208/16 RGM,* ***Digriet tat-8 ta' Gunju 2017****) illi –*

=

> *"Having considered that prima facie it now results from evidence tendered to date that Travis Leigh Brannon manipulated and abused of the judicial process when on the 9th June 2016 he filed an application, together with a considerable number of photos of a pornographic nature, stating that the three minor children "skoprew portafol elettroniku tal-intimata ommhom b'hafna ritratti oxxeni" when it now results from evidence tendered before this court that the photos exhibited in the acts of the said mediation were given to Mr Brannon by a certain Conrad Bajada who gave these photos to Mr Brannon with the intention to help him take away the three minor children from their mother as a form of revenge following the breakup of the relationship between Mr Bajada and Ms Sylvana Brannon.*
>
> *Having considered that Mr Brannon not only misled the Court when he intentionally failed to inform this Court as differently presided about the true source of those pornographic photos but went as far as to strongly insinuate that the photos exhibited were pornographic photos of Mrs Brannon discovered by her three minor children on the internet."*

*Illi malli gew skoperti dawn il-fatti godda dwar il-kongjura bejn Travis Leigh Brannon, Conrad Bugeja u Ingrid Anastasi, inholqot obbligazzjoni pozittiva fuq il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) li tiehu azzjoni rimedjali, azzjoni effettiva u shiha, mhux frammentarja, bil-ghan li tirripristina minnufih l-istatus quo ante. Izda, filwaqt li d-digriet tal-14 ta' Lulju 2016 fuq imsemmi moghti fl-atti tal-medjazzjoni 865/16 AL gie revokat contrario imperio fit-8 ta' Gunju 2017, b'danakollu gie ordnat mill-istess Qorti illi t-tfal jibdew jirrisjedu mit-Tnejn sal-Hamis ma' missierhom u mill-Hamis sat-Tnejn ma' ommhom, b'access ta' 3 sighat fil-gimgha kull wiehed.*

*Illi, barra minn hekk, il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) minkejja li kellha quddiemha l-ammissjoni ta' Travis Leigh Brannon, kif ukoll l-ammissjoni ta'*

=

*Conrad Bajada u x-xiehda ta' l-Ispettur John Spiteri, dwar dan l-agir kriminali, doluz u malizzjus ("... I asked Ingrid to give me the porn and she did and Conrad gave me supplemental images and has been doing so ever since. That's how I got the porn. I asked for it." – xiehda tieghu tas-17 ta' Marzu 2018), l-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) naqset li tiehu azzjoni drastika u effettiva biex tregga' lura l-qaghda ghall-istatus quo ante fl-interess suprem tal-ulied, u dan billi qalet semplicement: "8.The Court shall decide whether contempt proceedings are to be instituted against defendant at a later stage of these proceedings."*

*Izda sallum, wara tant zmien, il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) baqghet ma hadet l-ebda passi kontra Travis Leigh Brannon ghal disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti sabiex tipprotegi d-drittijiet tar-rikorrenti Sylvana Brannon. Aghar minn hekk, ir-rikorrenti tilfet il-kura tat-tfal billi dawn gew ordnati jaqsmu l-granet tal-gimgha bejn iz-zewg genituri.*

*Illi skont rapport tal-Agenzija Appogg ipprezentat il-Qorti minn Adreana Gellel fit-2 ta' Mejju 2017 –*

> *"the transition from the mother's house to the father's house* ***has left them scarred with insecurity****. All three siblings are at a particular development stage where security and stability are of great importance. The children's safety net has become unstable especially after they were uprooted from the place that they have always called home. In this new place they have been listening to verbal or nonverbal cues encouraging them to believe that the relationship that they had before with their mother and their way of being home was untrue."*

*Izda, minkejja dan l-ammoniment kontenut fir-rapport tas-Senior Social Worker ta' l-Agenzija Appogg mahtura mill-Qorti stess, il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) ma hadet l-ebda azzjoni biex il-kawza tal-hsara serja terga' tithassar u*

=

*biex is-sitwazzjoni tigi ripristinata. Il-principju tar-Restitutio in integrum applikat fis-sentenzi tal-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem gie skartat. B'rizultat ta' dan in-nuqqas serju, il-minuri komplew isofru l-effetti kollha tal-hsara li saritilhom, minflok ma s-sitwazzjoni giet ripristinata minnufih kif kien necessarju li jsir fl-ahjar interess tat-tfal taghha.*

*Illi fl-istess hin, il-Qorti tal-Familja, b'dan id-dilungar fit-tul, esponiet il-process gudizzjarju ghal kontaminazzjoni tax-xhieda u tal-provi, kif fil-fatt gara meta l-imsemmija Senior Social Worker giet avvicinata minn terzi persuni biex tbiddel ir-rakkomandazzjonijiet taghha meta titla' tixhed. Fil-fatt zewg persuni gew imressqa quddiem il-Qorti tal-Magistrati u mixlija dwar dawn ir-reati li jolqtu r-retta amministrazzjoni tal-gustizzja.*

*Illi minkejja li r-rikorrenti pprezentat rikors urgenti fil-15 ta' Mejju 2017 iffirmat minn Dr. Vincent Galea li fih intqal 'inter alia' illi – "7. ... Travis Leigh Brannon has not followed and is not following the Court's order of the 17th March 2017 and has thus made himself liable to contempt. 8. Moreover, the minor children are being exposed to a harmful situation in that their mother is continuously being put in a bad light with them ... It is thus of paramount importance that the recommendations made by Ms Andreana Gellel in her report filed on the 2nd May 2017 take effect immediately.", xorta baqa' ma sarx dak illi hemm fir-rapport tas-Senior Social Worker ta' l-Agenzija Appogg, li hija kienet irrakkomandat li ghandu jsir b'urgenza sabiex titwaqqaf il-hsara lit-tfal.*

*Illi apparti l-fatt li t-tfal zghar taghha gew imcahhda mill-ghozza tal-omm li tant hija indispensabbli fis-snin ta' formazzjoni u dina l-hsara tidher fihom u f'kull rapport li jsir dwarhom, inkluzi dawk tal-iskejjel li jattendu, it-tifla l-kbira Eva ġarrbet taħsir morali u konsegwenzi oħra ta' natura tassew gravi specjalment bl-assenteizmu taghha mill-iskola, jekk mhux ukoll irriversibbli. Fiz-zmien meta minn tifla kienet qieghda tizviluppa f'xebba, l-omm kienet mifruda minn bintha.*

=

*Illi is-sitwazzjoni giet reza ferm iktar gravi meta l-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) harget ordni permezz ta'* ***Digriet moghti fit-23 ta' Frar 2018*** *sabiex ma jkun hemm l-ebda kuntatt bejn Eva u ommha, ordni li tmur kontra n-natura, u l-ordni u l-istint tal-bniedem. Permezz ta' dan id-digriet taghha, il-Qorti agixxiet 'ultra vires' u kisret il-Kostituzzjoni u l-Kap 319 billi qatt ma kellu jinhareg ordni bi vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tal-bniedem, partikolarment l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja. Difficli biex titkejjel il-hsara devastanti li kkawza dan id-digriet tal-Qorti tal-Familja:*

> *"Decrees as follows:*
>
> 1. *Orders that no further therapy sessions be held in respect of the minor child Eva.*
> 2. *Orders that unless there is prior Court authorisation, there is no contact between Eva and her mother."*

*Illi ghalkemm ir-rikorrenti talbet rimedji b'mod konkret permezz ta' rikors tal-10 ta' Awissu 2018 u oralment 'seduta stante', xejn ma ghadu nbidel sallum.*

*Illi anke l-Pulizija naqsu li jiehdu azzjoni effettiva biex jipprotegu lir-rikorrenti mill-agir abbusiv ta' Travis Leigh Brannon, senjatament in konnessjoni ma' incident li gara fl-Isptar St James, li fih Travis Leigh Brannon kien zeblaħha u offendiha quddiem kulhadd, inkluzi membri tal-istaff u tobba tal-Isptar St James Hospital. Seduta wara l-ohra quddiem il-Magistrat Caroline Farrugia Frendo ma seta' jsir xejn ghaliex Travis Leigh Brannon baqa' ma giex notifikat mill-Pulizija minkejja li r-rikorrenti diversi drabi, f'kull seduta, tathom l-indirizz tieghu f'Marsaskala. B'hekk l-imputat qatt ma attenda ghas-seduti, minkejja li huwa stess kien esibixxa kopja tal-avviz tal-kawza fl-atti tal-kawza civili. L-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu thallew jaqghu mill-Pulizija, minflok ghamlu dak li kien mehtieg minnhom biex jipprotegu lir-rikorrenti. Min-naha tar-rikorrenti, dawn l-akkuzi setghu irnexxew stante li hija ghandha recording fuq*

*USB tal-incident li gara fl-Isptar St James, li bih Travis Leigh Brannon kien gie akkuzat wara rapport maghmul minnha lill-Pulizija. Dan l-incident kien ukoll jikser il-kundizzjonijiet imposti fuq l-imsemmi Travis Leigh Brannon b'sentenza moghtija qabel mill-Magistrat (illum Onorevoli Mhallef) Antonio Giovanni Vella. Barra minn hekk, kontra r-rieda u minghajr il-kunsens taghha, il-Pulizija kkunsinnaw tahrika ta' xhud lit-tifla Eva. Dan l-avviz intuza mill-missier fil-proceduri civili fejn intqal li r-rikorrenti ppruvat tisforza lil Eva biex tixhed kontra l-volonta` taghha; u dan meta skont l-affidavit tal-Pulizija, kien fil-fatt huwa stess li talab biex it-tfal jittellghu jixhdu. Il-Pulizija baqghu jibghatu n-notifika fl-indirizz hazin avolja r-rikorrenti marret hija stess l-Ghassa tal-Pulizija ta' Haz-Zebbug biex tistaqsihom kienux jafu fejn joqghod Travis Leigh Brannon u l-Pulizija wegibha illi ghandhom l-indirizz il-gdid tieghu izda ma setghux jaghtuhulha. Fil-fatt, fis-16 ta' April 2019, il-Pulizija l-proceduri ntemmu u l-imputazzjoni giet dikjarata preskritta, waqt li l-imputazzjoni l-ohra giet abrogata b'rizultat ta' bidla fil-ligi, li sadanittant lahqet saret effettiva.*

*Illi l-proceduri kriminali kontra Conrad Bajada fir-rigward ta' diversi disposizzjonijiet tal-Kodici Kriminali, li qeghdin jinstemghu quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) baqghu jitwalu minhabba ragunijiet barra mill-kontroll taghha, u ghadhom ma gewx determinati, u dan bi vjolazzjoni tar-"reasonable-time requirement" u bi pregudizzju notevoli ghar-rikorrenti. Dawn il-proceduri ghandhom rilevanza kbira fil-proceduri civili li ghadhom pendenti quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja).*

***Illi b'hekk, gie miksur id-dritt ghall-hajja tal-familja (Artikolu 8 ECHR u Artikolu 7 tac-Charter tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropeja) billi –***

*(1) b'rizultat ta' interferenza arbitrarja da parti tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) ir-rikorrenti sofriet ammont sostanzjali ta' zmien b'access limitat ghat-*

=

*tliet uliedha ta' erba' (4) sighat fil-gimgha, fejn tali arrangament ikkawza deterjorament bla bzonn fir-relazzjoni bejn l-omm u l-ulied;*

*(2) il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) naqset mill-obbligu pozittiv taghha biex tizgura illi d-drittijiet tar-rikorrenti u tal-erba' uliedha jigu rispettati u inforzati, u li b'dan in-nuqqas taghha gew miksura d-drittijiet tar-rikorrenti u l-erba' uliedha ghat-tgawdija reciproka tal-kumpanija ta' xulxin; barra minn hekk, ir-rikorrenti u l-bint Eva, li ghadha minuri, ilhom imcahhda mill-imhabba u l-ghozza ta' xulxin ghal tlett (3) snin.*

*(3) l-azzjoni u d-decizjoni tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) li tordna li jinhargu t-tlett ahwa Brannon mir-residenza tal-omm fejn twieldu u trabbew fil-kustodja esklussiva taghha prattikament mit-twelid, cahhdu lit-tlett ahwa Brannon u lir-raba' wild Ethan Cappello milli jkomplu jgawdu mir-relazzjoni ta' familja li dejjem gawdew matul hajjithom;*

*(4) b'rizultat tad-digriet mahrug mill-Onorevoli Mhallef li bdiet tisma' l-kawza u b'rizultat tan-nuqqas ta' rimedju effettiv da parti tal-Onorevoli Mhallfin li quddiemhom giet assenjata l-kawza, ir-raba' wild Ethan Cappello safa vittma ta' azzjonijiet u decizjonijiet indipendenti mir-rieda tieghu u li ma kellux kontroll fuqhom (u lanqas tar-rikorrenti), u tal-eta` tenera ta' hames (5) snin tilef ir-relazzjoni familjari li tant kien jghozz u jgawdi ma' hutu; tilef lil ohtu Eva kompletament tant li hu jahseb li mietet ghax qatt aktar ma raha minn dakinhar; u spicca mitfugh f'ambjent ta' dieqa kbira u solitudni fejn qabel l-ambjent domestiku kien wiehed allegru u pjacevoli;*

*(5) il-hajja sesswali privata u personali tar-rikorrenti fil-privatezza ta' darha giet imxandra, komprizi gideb dwarha, minghajr l-ebda rilevanza, u inghata valur*

*morali fuq kwistjoni li tirrigwarda legalita` mhux moralita` u li affettwat id-decizjoni mehuda mill-Qorti fejn din ma kellha l-ebda rilevanza, specjalment meta hargu l-fatti veri, izda ma sar l-ebda restitutio in integrum mill-Qorti;*

*(6) il-process tal-interrogazzjoni li tmexxa quddiem l-Assistent Gudizzjarju da parti tal-avukat tal-avversarju kien abbusiv u ammonta ghal ksur tad-dritt tal-privatezza u ghal agir intimidatorju u diskriminatorju, u dan minghajr ma gie mwaqqaf mill-Assistent Gudizzjarju li b'ebda mod ma pprotegiet lir-rikorrenti minn dan l-assalt bid-domandi li ma kellhomx jithallew isiru;*

*(7) id-dritt tar-rikorrenti li tizviluppa relazzjoni ma' persuna ohra gie miksur b'rizultat tad-digriet tat-8 ta' Gunju 2017, li pprojbixxa kuntatti ghal nofs il-gimgha mal-persuna li mieghu r-rikorrenti kienet bdiet relazzjoni gdida, liema decizjoni drastika ma kien hemmx il-htiega ghaliha;*

*(8) id-decizjoni tal-Qorti tal-Familja kkawzat xizma u firda aggressiva tar-rabta bejn ir-rikorrenti omm u l-ulied, meta kien id-dmir ta' dik l-istess Qorti, b'obbligazzjoni pozittiva esplicita, li tizgura li tissewwa l-hsara sabiex tinbena mill-gdid ir-relazzjoni familjari li kienet tkissret b'konsegwenza ta' dan kollu;*

*(9) id-decizjonijiet li zradikaw lill-minuri ulied ir-rikorrenti mir-rabta familjari bit-tibdil tar-residenza tat-tfal u bis-segregazzjoni ta' Eva minn ommha kienu r-rizultat ta' ghazliet diskriminatorji (Artikolu 14 tal-Konvenzjoni abbinat mal-Artikolu 8);*

*(10) il-Qorti tal-Familja naqset ukoll mid-dover li tezercita diligenza u 'duty of care' versu il-familja tar-rikorrenti li giet esposta ghal deterjorament fir-relazzjoni familjari bejn genitur u wild b'rizultat ta' zmien eccessiv tal-proceduri,*

=

*liema deterjorament wassal biex il-familja garrbet separazzjoni de facto bejn il-genitur u l-wild.*

***Illi barra minn hekk, gie miksur ukoll id-dritt ghal smigh xieraq (Artikolu 6 ECHR u tal-Artikolu 47 tac-Charter tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropeja) tar-rikorrenti billi –***

*(1) il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) naqset li tadotta l-mizura essenzjali u indispensabbli sabiex iggib restitutio in integrum, kif kienet obbligata li taghmel;*

*(2) il-Qorti ma zammitx seduta biex tisma' x'ghandha x'tghid bhala parti fil-kawza qabel ma jitnehhew id-drittijiet lilha, u lanqas giet notifikata bid-digriet tal-Qorti dwar it-tibdil fil-kwistjoni tar-residenza tat-tfal qabel ma dan gie 'inforzat' fuqha ghall-arrieda minn Travis Leigh Brannon;*

*(3) il-Qorti tal-Familja ordnat li d-dokument esibit minn Travis Leigh Brannon jinzamm issigillat u konsegwentement ir-rikorrenti ma kellhiex access ghall-provi processwali u ghalhekk ma setghetx twiegeb ghall-provi u sottomissjonijiet b'mod xieraq;*

*(4) id-dewmien fil-proceduri gab pregudizzju serju ghar-rikorrenti u ghal uliedha in vista tal-gravita` tas-sitwazzjoni b'mod partikolari ghall-minuri affettwati mid-dewmien, liema dewmien ma kienx mehtieg u ma kienx ragonevoli u kien barra mill-kontroll taghha;*

*(5) id-dewmien fil-proceduri kriminali kontra Conrad Bajada, liema proceduri ghadhom mexjin quddiem il-Qorti tal-Magistrati u dan ghal ragunijiet barra mill-kontroll taghha;*

*(6) in-nuqqas tal-Pulizija li jiehdu l-azzjonijiet necessarji tempestivament fil-konfront ta' Travis Leigh Brannon fil-proceduri kriminali kontra tieghu, liema nuqqas wassal biex huwa jehles mir-responsabbilta' legali b'impunita`, u b'hekk il-Pulizija naqsu li jipprovdu protezzjoni effettiva u fil-hin lir-rikorrenti Sylvana*

=

*Brannon minn abbuz domestiku, u dan bi ksur tal-ligijiet lokali u trattati internazzjonali;*

*(7) ksur tal-principju dwar proporzjonalita` u nuqqas ta' applikazzjoni korretta ta' dan il-principju da parti tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja);*

*(8) il-Qorti tal-Familja ghabbiet lir-rikorrenti b'formalizmi, pizijiet u spejjez zejda u inutili meta naqset li tiddegreta dwar l-awtorizzazzjoni lill-partijiet biex jipprocedu b'kawza, liema nuqqas gie aggravat meta l-istess Qorti diversament preseduta ddecidiet li ma tkomplix tittratta l-kawza qabel tinghata formalment l-approvazzjoni biex il-partijiet jipprocedu b'kawza, liema mizuri kienu pregudizzjevoli ghal access ghal Qorti u amministrazzjoni tal-gustizzja minghajr dewmien zejjed;*

*(9) il-Qorti tal-Familja ripetutament agixxiet b'nuqqas ta' ugwaljanza u proporzjonalita` meta l-konvenut Travis Leigh Brannon regolarment inghata estensjonijiet ta' zmien sabiex idahhal ir-risposti tieghu u sahansitra thalla jdahhalhom anke xahrejn tard minghajr l-ebda konsegwenza, u b'hekk gie kkawzat aktar dewmien bla bzonn ghar-rikorrenti, li dejjem osservat u zammet maz-zmien moghti mill-Qorti;*

*(10) il-bdil tal-Imhallfin stante li f'dawn il-proceduri kien hemm s'issa tliet (3) gudikanti differenti (Imhallfin Lofaro, Mangion u Vella), liema mizura ma tistax twassal biex l-Istat jigi ezonerat mir-responsabbilta` biex jizgura illi l-amministrazzjoni tal-gustizzja tkun organizzata u mmexxija b'mod xieraq u korrett.*

*(11) bhala rizultat tad-decizjonijiet mehuda mill-Qorti fil-kazijiet tar-rikorrenti, ir-rikorrenti giet imqieghda f'pozizzjoni finanzjarja difficli li b'danakollu r-rikorrenti ma setghetx ma tghaddix minnha, sabiex hija tiddefendi d-drittijiet taghha u dawk ta' uliedha. Dina l-qaghda prekarja li giet imqieghda fiha kkontribwiet ghall-vjolenza domestika finanzjarja minn Travis Leigh Brannon li*

*b'hekk seta' jkompli jezercita kontroll u dominanza fuq ir-rikorrenti, u dan anke tnax-il sena wara separazzjoni personali legali; u tali atteggjament gie ttollerat u skuzat mill-Qorti meta huwa thalla jtawwal il-proceduri gudizzjarji bla bzonn.*

*Illi, inoltre, ir-rikorrenti u l-erba' (4) uliedha garrbu trattament inuman u degradanti (***Artkolu 3 ECHR u Artikolu 4 tac-Charter tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropeja***) minhabba li ghaddew u ghadhom ghaddejjin minn tbatija kbira u ansjeta` immensa b'rizultat tad-decizjonijiet mehuda mill-Qrati tal-Gustizzja li jolqtu lilhom. Barra minn hekk, minhabba l-attitudni adottata mill-Qorti, ir-rikorrenti giet esposta ghal zeblieh, parental alienation, abbuz domestiku, abbuz finanzjarju u pizijiet eccessivi, tbatija mentali mill-aktar iebsa, u post-traumatic stress disorder. Barra minn hekk, l-ulied ukoll qeghdin juru sintomi ta' stress emozzjonali f'eta` tant tenera, inkluz abbuz minn drogi fl-etajiet ta' 13 u 14-il sena.*

*Ghaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha twettaq u tizgura t-twettiq tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti hawn fuq imsemmija u*

(1) *tiddikjara li r-rikorrenti u wliedha sofrew ksur ta' l-***Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Artikolu 7 tac-Charter tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropeja** *li jiggarantixxi d-dritt ghall-hajja privata u d-dritt ghall-hajja tal-familja;*

(2) *tiddikjara li r-rikorrenti u wliedha sofrew ksur ta' l-***Artikolu 6 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Artikolu 47 tac-Charter tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropeja** *li jiggarantixxu d-dritt ghal smigh xieraq u d-dritt ghal rimedju effettiv;*

=

(3) *tiddikjara li r-rikorrenti u wliedha sofrew ksur ta' l-* **Artkolu 3 ECHR u Artikolu 4 tac-Charter tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropeja** *li jiggarantixxu l-protezzjoni minn trattament inuman jew degradanti;*

(4) *tiddikjara li r-rikorrenti u wliedha sofrew ksur ta' drittijiet ohra applikabbli skont ic-***Charter tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropeja,** *inkluz l-***Artikolu 1** *li jiggarantixxi d-dinjita` tal-persuna;* **Artikolu 24** *li jiggarantixxi l-protezzjoni ghad-drittijiet lit-tfal; u l-***Artikoli 51, 52 u 53** *dwar l-iskop tad-drittijiet u l-livell ta' protezzjoni, u tordna t-twettiq ta' dawn id-drittijiet fir-rigward tar-rikorrenti u wliedha kollha;*

(5) *tiddikjara li sehhet lezjoni ohra aggravata in kwantu d-decizjonijiet tal-Qorti Civili (Qorti tal-Familja) li zradikaw lill-minuri ulied ir-rikorrenti mir-rabta familjari bit-tibdil tar-residenza tat-tfal u bis-segregazzjoni ta' Eva minn ommha kienu r-rizultat ta' ghazliet diskriminatorji bi ksur tal-* **Artikolu 14 tal-Konvenzjoni abbinat mal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni u mal-Artikolu 7 tac-Charter***;*

(6) *tordna li jittiehdu l-mizuri kollha necessarji sabiex is-sitwazzjoni li giet ikkawzata b'rizultat ta' agir kriminali, doluz u malizzjuz tigi ripristinata u jkun hemm* **restitutio in integrum** *skont il-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem billi t-tfal imorru lura ghand l-omm biex jirrisjedu maghha bhal qabel;*

(7) *tordna li jinbdew proceduri kontra Travis Leigh Brannon ghal disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti talli intenzjonalment zvija lill-Qorti b'taghrif qarrieqi li wassal ghat-telf tad-drittijiet tar-rikorrenti u ghal pregudizzju serju u devastanti ghaliha u ghal uliedha;*

=

(8) *tordna l-hlas ta' kumpens xieraq lil Sylvana Branno proprio kif ukoll kumpens lil kull wiehed mill-ulied minuri Eva Brannon, Kieran Brannon u Tristan Brannon separatament, kif ukoll Ethan Cappello".*

**Rat ir-risposta tal-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija fejn ġie eċċepiet illi:-**

*"Illi in succinct ir-rikorrent qieghda tilmenta minn dak li gara u minn dak li qieghed jigri f`kawzi u proceduri li ghandha quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) mal –eks ragel taghha Travis Leigh Brannon dwar kwistjonijiet familjari partikolarmant il-kura u l-kustodja tat- tfal taghhom.*

*Illi bid-dovut rispett, l-esponent ma jistghax ma jirrimarkax kif permezz tar-rikors promotur r-rikorrenti infexxet tattakka lil kulhadd specjalment lill- Qorti Civili (Sezzjoni Familja) b`sensiela ma tispicca qatt ta` allegazzjonijiet u stejjer infondati fejn fost affarijiet ohra qed tghid li gew lezi il-jeddijiet fundamentali taghha senjatament dwar nuqqas ta` proporzjonalita` mill-Qorti, interferenza fil-hajja familjari taghha, trattament inuman u degradanti, diskrimniazzjoni, nuqqas ta` smigh xieraq, nuqqas ta` azzjoni mill-Kummissarju intimat u li dan wassal sabiex gew vjolati id-drittijiet fundamentali taghha.*

*Illi l-esponenti jirrespingi dawn l-allegazzjonijiet bhala infondati fil-fatt u fid-dritt stante li, kif ser jigi spjegat aktar 'l isfel, bl-ebda mod ma gew mittiefsa d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti liema eccezzjonijiet qeghdin jigu elenkati minghajr pregudizzju ghal-xulxin.*

1. *Illi preliminarjment jigi eccepit li ghal-ahjar integrita` tal-gudizzju m`hemm l-ebda dubju li ghandu jissejjah fil-kawza Travis Leigh Brannon mhux biss ghaliex il-kwistjonijiet li ghandha r-rikorrenti jikkoncernaw lilu u lilu biss (e.g. kustodja tat-tfal) izda wkoll ghaliex fir-rikors promotur hemm talbiet specifici li jekk jintlaqghu jolqtu lill-istess Travis Leigh Brannon bhal per ezempju talba biex jittiehdu proceduri kontrih.*

2. *Illi preliminarjment ukoll, ir-rikorrent ma tistghax taghmel kawza ghan-nom tat-tfal taghha meta hi stess tghid li fil-prezent m`ghandiex il-kura u*

=

*l-kustodja taghhom. Ghalhekk ghall-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja it-tfal minuri ghandhom ikunu rapprezentati minn Avukat tat-Tfal sabiex l-ewwel u qabel kollox jitharsu l-interessi taghhom.*

3. *Illi in linea preliminari, ir-rikorrenti qeghdin jabbuzaw mill-process kostituzzjonali stante illi huma qeghdin jadoperaw procedura straordinarja bhal ma hija l-procedura odjerna meta kellhom a disposizzjoni taghhom rimedju ordinarju sabiex iharsu d-drittijiet pretizi minnhom. In fatti, ir-rikorrenti ghandhom rimedju tramite talba ghall-varjazzjoni tad-Digrieti tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) kif ukoll azzjoni quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili sabiex jattakkaw tali digrieti u dan taht il-poteri residwali tal-Prim Awla tal-Qorti Civili.*

4. *Huwa evidenti li r-rikorrenti qed tuza l-proceduri odjerni sabiex din l-Onorabbli Qorti tiddeciedi dwar diversi kwistjonijiet li ghadhom pendenti quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) jew sabiex jigu riveduti digrieti li tat dik il-Qorti biex b`hekk tuza din l-Onorabbli Qorti bhala Qorti tat-tielet grad. Haga li ma tistghax issir.*

5. *Illi jigi eccepit ukoll li galadarba l-proceduri in kwistjoni ghadhom ma gewx decizi definittivament ir-rikorrenti ghandha dejjem ir-rimedju ordinarju tal-appell.*

6. *Illi ghalkemm r-rikorrenti evidentement mhijiex qed taqbel ma certu digrieti u decizjonijiet li tat il-Qorti tal-Familja, dan il-fatt wahdu zgur li mhux sufficjenti sabiex din l-Onorabbli Qorti issib li hemm vjolazzjoni tal-jeddijiet fundamentali li semmiet r-rikorrenti fir-rikors promotur.*

7. *Il-Qorti tal-Familja bhala kull Qorti/Tribunal indipendenti u imparzjali hija obbligata li tisma lill-partijiet, tevalwa u tapprezza ix-xhieda u l-provi migjuba sabiex finalment taghti gudizzju. Ghalkemm ir-rikorrenti ma qajmitx espressament ilment dwar l-indipendenza u l-imparzjalita` tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) pero` minflok qed taghmel l-insinwazzjonijiet gratuwiti u infondati li l-Qorti qeghda tinterferixxi arbitrarjament fil-hajja privata taghha u ta` uliedha u li l-Qorti stess ivvjolat l-jeddijiet fundamentali tar-rikorrenti b`decizjonijiet diskriminatorji! L-esponenti jirrilevaw illi ma sar xejn matul il-process relattiv li b'xi mod seta' jincidi fuq id-dritt tar-rikorrenti ta' process gust u wisq inqas saret xi influwenza lil min kellu jiggudika.*

=

8. *Illi fil-proceduri civili in dizamina fl-ebda hin u fl-ebda mument ir-rikorrent ma giet trattata b`mod differenti mill-parti l-ohra u lanqas ma jirrizulta li giet mcahhda minn xi dritt li meta wiehed ihares lejn il-proceduri fit-totalita` taghhom jista jikkonkludi li ma kienx hemm a fair hearing. Bil-fatt wahdu li l-Qorti tat certu decizjonijiet li kienu sfavorevoli ghar-rikorrenti, dan ma jfissirx li kien hemm ksur tal-drittijiet fundamentali taghha. Huwa sintomatiku kif fir-rikors promotur ir-rikorrent qed tattakka d-decizjonijiet tal-Qorti pero` ma tghidx ezattament f`liema aspetti tal- "fair hearing" il-Qorti allegatament ma osservatx.*

   *Illi ghalhekk m`hemm l-ebda lezjoni tal-jedd ghal-smigh xieraq.*

9. *Illi r-rikorrent qed tilmenta li garbet lezjoni tad-dritt ghal-hajja privata u ghall-hajja tal-familja garantit mill-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea u fic-Charter tad-Drittijiet Fundamentali tal-EU.*

   *Fis-sentenza taghha tal-4 ta` Dicembru 2007 fil-kawza* **Dickson vs UK** *il-Qorti Ewropeja qalet hekk – The object of article 8 is essentially that of protecting the individual against arbitrary interference by the public authorities. Ghalhekk l-indhil mill-awtorita` pubblika ghandu jkun fil-kazi specifikament kontemplati fit-tieni paragrafu ta` l-Art.8 (ara d-decizjoni tal-Qorti Ewropeja tal-24 ta` Settembru 2007 fil-kawza "Tysiac vs Poland"). Fil-kuntest tal-Art.8 dak li jrid hajja familjari li haqqha protezzjoni u jekk l-interferenza tkunx gustifikata (ara "Raid Mabruk El Masri vs L-Onorevoli Prim Ministru et" - PAK/GV - 4 ta` Ottubu 2004).*

   *Dwar dan jinghad li jekk evidentement hemm problemi kbar bejn ir-rikorrenti u l-eks ragel taghha fejn tidhol il-kura u l-kustodja tat-tfal u kwistjonijiet ohra ta` pika u glied dan zgur li ma giex ikkawzat mill-Qorti jew minn xi awtorita` guddizzjara ohra. Meta ma jkunx hemm ftehim bejn il-partijiet, hija l-Qorti li ghandha tiddetermina l-kura u l-kustodja tat-tfal fi proceduri ta` separazzjoni billi tissalvagwardja primarjament l-ahjar interessi tat-tfal. F`dan il-kaz ma hemmx dubju li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni il-fatturi kollha biex waslet ghad-digrieti taghha.*

   *Illi huwa risaput li f`kawzi bhal dawn huwa kwazi impossibbli li tissodisfa lil kulhadd pero` ma hemm l-ebda dubju li dak kollu li qed issir huwa*

=

*sabiex primarjament jitharsu t-tfal u jkun hemm bilanc bejn id-drittijiet tar-rikorrenti bhala omm it-tfal u d-drittijiet ta` missierhom Travis Leigh Brannon. Fuq kollox kif ir-rikorrenti ghandha kull dritt ma taqbilx mad-digrieti tal-Qorti l-istess Travis Leigh Brannon ghandu d-drittijiet tieghu biex anke hu ikollu access ghat-tfal u juza l-ghodda kollha legali sabiex jitharsu dawk id-drittijiet.*

*Illi effettivament meta jkun hemm limitazzjoni fuq access ta' genitur ghall-minuri wliedu inevitabbilment dan igib mieghu xi tip ta' interferenza fil-hajja familjari tal-genitur izda fl-istess waqt dan ma jgibx bhala konsegwenza l-vjolazzjoni tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja u dan peress illi tali mizuri huma proprju intizi sabiex jigarantixxu rispett lejn il-hajja, id-dinjita', l-kura u l-protezzjoni tal-minuri.*

*Illi dak illi huwa imperattiv fil-kunsiderazzjoni ta' l-allegazzjoni tar-rikorrenti huwa jekk, filwaqt li l-interess tal-minuri jinzamm bhala kunsiderazzjoni primarja, jekk fid-decizjonijiet pendente lite tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) zammewx dak il-bilanc gust bejn l-interessi kunfliggenti tal-grenituri. F'dan l-ezercizzju l-qrati ghandhom diskrezzjoni wiesgha hafna u sakemm dina l-Onorabbli Qorti ma ssibx li tali ezercizzju ta' diskrezzjoni sar b'mod irragonevoli, jew ma jsegwiex ghan legittimu, jew mhux necessarju allura ma ghandux jigi mibdul.*

*Illi ghalhekk ma hemm l-ebda ksur tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea.*

10. *Illi r-rikorrent qieghdha tilmenta ukoll bi trattament inuman u degradanti fil-konfront taghha.*

*Illi l-esponent jirrilevaw li dan huwa ilment ezagerat u assurd.*

*Tajjeb li wiehed ifakkar li skont il-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea ta' Strasbourg, "inhuman treatment covers at least such treatment as deliberately causes severe mental and physical suffering". It-trattament jitqies inuman meta jkun mahsub minn qabel u ppremeditat biex jikkaguna "intense physical and mental suffering" – kaz "Tekin v. Turkey", deciz fid-9 ta' Gunju, 1998. Ghar-rigward ta' trattament degredanti dan jitqies li*

=

*jirreferi ghal dak it-trattament li jgieghel lil dak li jkun ikisser ir-resistenza kemm fizika u morali tal-vittma jew li jgieghel lill-vittma li tagixxi kontra l-volonta` taghha. It-trattament ikun ukoll degradanti jekk ikun tali li jqajjem f'dak li jkun sentimenti ta' biża', angoxxia u sens ta' inferjorita` li jumiljaw u jiddenigraw lil dak li jkun saħansitra sakemm possibilment jabbattu r-reżistenza fiżika jew morali tiegħu.*

*Illi l-protezzjoni ghad-drittijet fundamentali hija kontra trattament fost affarijet ohra premeditat, li jikkawza tbatija fizika u mentali, u <u>trattament intenzjonat u apposta</u> li johloq biza, twerwir, angoxxa ecc <u>bil-ghan specifiku</u> li jumilja u jiddegrada lid-dinjita' tal-persuna.*

*Illi fid-dawl ta' dan QATT ma jista' jinstab minn din l-Onorabbli Qorti li fil-każ odjern sar xi agir min-naha tal-intimati li jista' jitqies li jammonta ghal dan it-tip ta' trattament u għaldaqstant din l-Onorabbli Qorti m'għandiex issib ksur tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja u tal-artikolu 7 tac-Charter;*

11. *Illi ilment iehor li qajmet ir-rikorrent jirrigwarda dewmien irragjonevoli fil-kawza ta` separazzjoni u kif ukoll dewmien biex tigi deciza kawza kriminali li hemm fil-konfront ta` certu Conrad Bajada.*

*Illi huwa pacifiku kif konstatat anke mill-gurisprudenza lokali kif ukoll dik tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li l-fatturi li principalment ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni sabiex jigi determinat jekk is-smiegh ta' process eccediex il-parametri tas-smiegh fi zmien ragjonevoli huma l-komplessita' tal-kaz, l-agir tal-partijiet fil-kawza u l-agir ta' l-awtorita' jew awtoritajiet relevanti – f'dan il-kaz l-agir ta' awtorita' gudizzjarja. Ghalhekk, skond il-gurisprudenza assodata kemm nostrali kif ukoll dik Ewropeja, sabiex Qorti tasal ghal konkluzjoni dwar jekk kienx hemm ksur tad-dritt ta' smiegh xieraq fi zmien ragonevoli, il-procedura gudizzjarja mertu tal-allegazzjonijiet trid tkun ezaminata fl-assjem taghha u ma jistax ikun ezaminat biss element jew parti wahda minn din il-procedura.*

=

*Ma jidhirx li kien hemm xi nuqqas lampanti mill-Qorti meta huwa pjutost ovvju li l-fattur ewlieni li qed jikkawza dilungar zejjed huwa il-komportament tar-rikorrenti u ta` Travis Leigh Brannon. Il-Qorti li qed tisma il-kawza m`ghandha l-ebda interess li l-kawza iddum iktar milli sippost izda meta jkollok kawza bhal din fejn il-partijiet jaghmlu min kollox biex jostakolow lil xulxin b` rikorsi fuq rikorsi ovvjament dan ser iwassal inevitabilment ghal-dewmien.*

*Illi rigward d-dewmien fil-kawza kriminali li hemm kontra Conrad Bajada jinghad li r-rikorrenti m`ghandha l-ebda jedd tinvoka din il-lanjanza rigward kawza li hi m`hijiex parti fiha. Il-kawza kriminali u l-andament taghha jikkoncernaw lil Conrad Bajada u mhux lir-rikorrenti u ghalhek kif ser jigi spjegat iktar l quddiem fil-kawza, l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ma japplikax ghas-sitwazzjoni tar-rikorrenti.*

12. *Illi l-esponent Kummissarju jirrespingi ukoll kwalunkwe akkuza li hu naqas milli obbligazzjoni pozittiva li iharess il-jeddijeit li ssemmi r-rikorrenti jew li b`xo mod abdica mir-responsabilitajiet tieghu u ghalhekk kull allegazzjoni u talba f`dan is-sens hija infondata fil-fatt u fid-dritt kif ser jigi ppruvat iktar `l quddiem f`din il-kawza*

*Ghaldaqstant fid-dawl tas-suespost ma hemm l-ebda lezjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u din l-Onorabbli Qorti ghandha tichad l-allegazzjonijiet u t-talbiet kollha bhala infondati fil-fatt u fid-dritt.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez.”*

Rat lir-rikors odjern tħalla biex jiġu deċiżi l-ewwel żewg eċċezzjonijiet preliminari ta’ l-Avukat Generali li rispettivament jaqraw:

=

*1. Illi preliminarjment jigi eccepit li għal-aħjar integrita` tal-ġudizzju m`hemm l-ebda dubju li ghandu jissejjah fil-kawza Travis Leigh Brannon mhux biss ghaliex il-kwistjonijiet li ghandha r-rikorrenti jikkoncernaw lilu u lilu biss (e.g. kustodja tat-tfal) izda wkoll ghaliex fir-rikors promotur hemm talbiet specifici li jekk jintlaqghu jolqtu lill-istess Travis Leigh Brannon bhal per ezempju talba biex jittiehdu proceduri kontrih.*

*2. Illi preliminarjment ukoll, ir-rikorrent ma tistghax taghmel kawza ghan-nom tat-tfal taghha meta hi stess tghid li fil-prezent m`ghandiex il-kura u l-kustodja taghhom. Ghalhekk ghall-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja it-tfal minuri ghandhom ikunu rapprezentati minn Avukat tat-Tfal sabiex l-ewwel u qabel kollox jitharsu l-interessi taghhom.*

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet f'dan ir-rigward.

Semgħet ukoll id-debita trattazzjonijiet.

**Din għalhekk hi sentenza preliminari dwar il-kjamat in kawza ta' missier ulied il-minuri Brannon ukoll dwar il-ħatra ta' avukat tat-tfal in rappresenmtanza ta' l-istess minuri**

Ikkonsidrat.

Illi l-ewwel eċċezzjoni suriferita titratta l-vertenza ta' l-istitut tal-kjamat in kawza f'istanzi ta' indolu kostituzzjonali u konvenzjonali.

F'dan ir-rigward il-Qorti se tagħmel referenza għal sensiela ta' sentenzi li ġia stabilew il-mod kif il-Qorti għandha timxi mqajjma din l-eċċezzjoni għal dak ġia minnha deċiż fir-rigward fil-kawza fl-ismijiet **Sharon Rose Roche nee' Bellamy et. vs. Direttur tad-Dipartiment Għall-Istandards Fil-Ħarsien Soċjali et**.[1]: fejn intqal-

***"It-tieni eċċezzjoni preliminari tal-intimati*** *mertu tas-sentenza tal-lum tgħid hekk-*
***"Illi in linea preliminari wkoll, ġialadarba dak li qiegħed jintalab mir-rikorrenti jirrigwarda pronunzjamenti tal-Qrati nostrana li jeffetwaw lill-missier il-minuri, l-esponenti jeċepixxu li Michael Dean Roche għandu jiġi kjamat in kawża stante li għandu interess dirett f'dawn il-proċeduri."***

[1] Deċiza minn din il-Qorti kif preseduta fit-2 ta' Marzu, 2017; Rikors Kost. 36/2017MH

=

*L-intimati jissottomettu li qabel ma nbdew il-proċeduri odjerni kienu saru xi proċeduri li fihom kienu nvoluti mhux biss il-partijiet fil-kawza tal-lum iżda anke Dean Michael Roche. Fil-fehma tagħhom l-aktar żewg proċeduri mportanti għal fini tal-kaz tal-lum huma:*

*(a) il-kawza Rik 10/2015 fl-ismijiet* ***Direttur tad-Dipartiment għall-Istandards fil-Ħarsien Soċjali vs Sharon Rose Roche*** *fejn kienet saret talba mid-Direttur imsemmi għar-ritorn tal-minuri Kaden Mario Roche ġewwa l-Ingilterra fejn kellu r-residenza abitwali tiegħu u dan a tenur tar-Regolament Brussels II bis kif ukoll il-Konvenzjoni ta' Aja tal-1980 dwar l-Aspetti Ċivili fis-Sekwestru Internazzjonali ta' Minuri (kif ratifikat fil-liġi Maltija – Kap 410 tal-Liġijiet ta' Malta). F'dan il-kaz, fit-30 ta' Settembru 2015 il-Qorti tal-Appell kienet irrevokat sentenza tal-prim istanza u odnat ir-ritorn mitlub; u*

*(b) il-kawza Rik 12/2015 fl-ismijiet* ***Sharon Rose Roche vs Dean Michael Roche*** *fejn ir-rikorrenti talbet li tingħata l-kura u kustodja sħiħa ta' binha. Il-Qorti tal-Magistrati kienet laqgħet it-talba iżda prezentament hemm appell pendenti minnha intavolat mill-konvenut Dean Michael Roche.*

*L-intimati jargumentaw li t-talbiet tar-rikorrenti jimpingu direttament fuq id-drittijiet u l-interessi ta' missier il-minuri peress li bil-proċeduri odjerni r-rikorrenti qegħda fost oħrajn titlob li s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-30 ta' Settembru 2015 qegħda tpoġġi lir-rikorrenti f'kunflitt u f'inċertezza mal-pozizżjoni legali naxxenti mid-dritt privat u mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati dwar il-kura u kustodja u dan bi ksur tad-drittijiet fundamentali tagħha u ta' binha minuri. L-intimati jsostnu li ġjaladarba ċ-ċertezza legali in vista ta' dawn is-sentenza qegħda tiġi attakkata, huwa mportanti li Dean Michael Roche ikun involut fil-proċeduri odjerni.*

*Inoltre, fil-fehma tal-intimati, l-prezenza ta' missier il-minuri fil-kawza hija mportanti wkoll peress li fir-raba' talba tagħha r-rikorrenti qegħda titlob l-għoti ta' rimedji li l-Qorti jidhrilha xieraq u opportuni. In vista tal-fatt li f'kaz li jintlaqgħu it-talbiet rikorrenti l-poteri tal-Qorti fil-vesti kostituzzjonali fl-għoti tar-rimedju huma wiesgħa ħafna, tali rimedju jista' jaffettwa lil Dean Michael Roche li kien parti mis-sentenzi li a bażi tagħhom qed jintalab is-sejbien ta' ksur ta' drittijiet fundamentali.*

*Għal kull buon fini l-intimati osservaw ukoll li l-missier Dean Michael Roche kien talab li jintervjeni fil-kawza kostituzzjonali fl-ismijiet* ***Sharon Rose Roche pro et noe vs L-Avukat Generali et*** *(Cit Nru 81/2015) u l-Qorti kienet laqghet dik it-talba.*

=

*Għal dawn ir-ragunijiet l-intimati jsostnu li din il-persuna għandha l-interess ġuridiku meħtieg sabiex jiddaħħal fil-proċeduri odjerni.*

*Ir-rikorrenti hija ta' fehma differenti għax issostni li t-talbiet fir-rikors promotur ma jirrigwardawx lil missier il-minuri. Skont hi, kawza dwar ksur ta' drittijiet fundamentali hija dejjem diretta kontra l-Istat li bil-liġijiet tiegħu, bis-sistema ġudizzjarja tiegħu jew bl-istess aġir tiegħu ikun wettaq l-allegat ksur ta' drittijiet fundamentali. Hija tissottolinea li l-kawza odjerna hija azzjoni diretta kontra l-Istat Malti biss u mhux missier il-minuri u għalhekk il-legittimu kontradittur fi proċeduri bħal dawn huwa biss l-Istat Malti u mhux Dean Michael Roche. Skont ir-rikorrenti l-missier kien ikollu locus standi f'dawn il-proċeduri li kieku kien qed jigi allegat li l-ksur sar minnu, iżda xejn minn dan mhu qed jiġi allegat. Inoltre, jekk jiddaħħal konvenut ieħor fil-kawza tkun qed tiddaħħal opinjoni u tezi ohra ma' dik li diġa' hemm in kontradizzjoni għal dik tal-attriċi u xejn aktar. Għar-rikorrenti, Dean Micheal Roche m'għandu ebda locus standi f'din il-kawza għax m'għandux l-interess ġuridiku meħtieg biex iressaq kontestazzjoni għat-talbiet tar-rikorrenti. Hija ssostni wkoll li l-intimati qegħdin iħalltu l-istitut tal-kjamat fil-kawza mal-istitut tal-intervenut fil-kawza għax filwaqt li l-interess tal-intervenut fil-kawza huwa nteress fl-eżitu tal-kawza, dak tal-kjamat in kawza imur oltre ghax il-prezenza tal-persuna kjamata tkun indispensabbli għall-integrita' tal-ġudizzju. Hija enfasizzat il-pożizzjoni tagħha anke in vista tal-insenjament fil-kaz* ***Maria Ewkaristika Farrugia et vs Avukat Generali*** *deċiż fit-28 ta' Settembru 2017 u sostniet li l-istess bħal dik il-kawza huma l-intimati odjerni biss li għandhom iwieġbu għall-lanjanzi kostituzzjonali mressqa minnha u ħadd aktar.*

***Ikkunsidrat:***

*Mill-atti sa issa jirrizulta li saru dawn il-proceduri legali:*

*A. Proċeduri fuq imsemmija* ***Rik Nru 10/2015*** *fl-ismijiet* ***Direttur tad-Dipartiment għall-Istandards fil-Ħarsien Soċjali vs Sharon Rose Roche.*** *Fis-sentenza tagħha tal-24 ta' Lulju 2015 il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni tal-Familja ċahdet it-talba għar-ritorn tal-minuri. Minn din is-sentenza sar appell u fit-30 t'Ottubru 2015 il-Qorti tal-Appell irrevokat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati u ddeċidiet hekk –*

*"Għar-ragunijiet premessi tiddeċiedi billi, filwaqt li tiċħad l-appell inċidentali, tilqa' l-appell prinċipali tar-rikorrent u tirrevoka s-sentenza appellata f'dik il-parti fejn l-ewwel Qorti ddeċidiet li tiċħad it-talba tiegħu u tilqa' r-raba' eċċezzjoni tal-intimata a bażi tal-Artikolu 13[b] u, minflok, tilqa' t-talbiet tar-rikorrent u tordna r-ritorn tat-tifel Kayden lejn lIngilterra; kif ukoll tordna lir-*

=

*rikorrent jagħmel l-arrangamenti prattiċi għar-ritorn tat-tifel minuri lejn l-Ingilterra u tordna lill-intimata sabiex taderixxi ma' dawn l-arrangamenti li għandhom jiġu enforzati jekk hemm bżonn mill-Marixxalli tal-Qorti bl-assistenza tal-Pulizija u anke bl-assistenza ta' social worker, kollox a spejjez tal-intimata."*

*B. Proċeduri fuq imsemmija Rik 12/2015 fl-ismijiet **Sharon Rose Roche nee' Bellamy vs Dean Michael Roche** fejn fil-21 ta' Frar 2017 il-Qorti tal-Magistrati akkordat il-kura u kustodja ta' wild il-partijiet unikament f'idejn Sharon Rose Roche. Skont ma jingħad fl-atti, minn din id-deċizjoni hemm appell pendenti, li pero' din il-Qorti ma ngħatat ebda nformazzjoni dwar f'liema stadju jinsab.*

*C. Proceduri kostituzzjonali Rik Nru 81/15 fl-ismijiet **Sharon Rose Roche pro et noe vs L-Avukat Generali et** permezz ta' liema r-rikorrenti talbet lill-Qorti tiddikjara li r-ritorn tal-minuri Kaden Mario Roche lejn l-Ingilterra kif deċiż bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-30 t'Ottubru 2015 kien leżiv tad-drittijiet fundamentali taghha u ta' binha minuri kif protetti b'diversi artikoli tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. F'dik il-kawza Dean Michael Roche kien ressaq talba biex jintervjeni fil-kawza, liema talba giet milqugħa mill-Qorti. Il-Qorti ċahdet it-talbiet tar-rikorrenti u ma sabet ebda ksur ta' drittijiet fundamentali, liema sentenza giet konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fis-16 ta' Marzu 2017.*

*L-eċċezzjoni tal-intimati tistrieh fuq l-**Art 961 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** li jghid hekk –*
*"Tista` wkoll terza persuna, b`digriet tal-Qorti, f`kull waqt tal-kawza qabel is-sentenza, tigi msejha f `kawza miexja bejn partijiet ohra fil-Qorti tal-ewwel grad, sew fuq talba ta` wahda mill-partijiet kemm ukoll minghajr dik it-talba."*

*Fil-kaz kostituzzjonali **L-On. Dr Simon Busuttil vs L-Avukat Generali deċiż fit-30 ta' Novembru 201712** minn din il-Qorti diversament preseduta ġiet elenkata rassenja twila ta' ġurisprudenza in materja:*

*"Fid-decizjoni illi tat fit-18 ta` Novembru 1998 fil-kawza "**Direttur Generali ta` l-Avjazzjonji Civili vs Panta Contracting Limited et**" din il-Qorti diversament presjeduta ppronunzjat ruħha hekk dwar fejn tkun meħtiega kjamata fil-kawza :-*
*"In linea tradizzjonali sabiex ikun hemm integrita` tal-ġiudizzju, b` mod li l-presenza ta` tali terza persuna tkun indispensabbli għar-reintegrazzjoni u kompletezza tal-proċeduri. Riċentement kien hemm diversi kazi fejn ġiet ordnata il-kjamata in kawza anke jekk il-ġiudizzju kien integru, u dan sabiex jiġu salvagwardjati d-drittijiet ta` min ikun direttament interessat fl-ewwel azzjoni ġiudizzjarja u li aktar warajha iġġib azzjoni oħra, bħala konsegwenza tagħha*

=

*(**Joseph Riolo pro. et noe vs Carmel Muscat et** - App. Civ. 15 ta` Novembru 1991)."*

*Il-proċedura maħsuba mil-liġi stess tal-kjamata fil-kawza kienet applikata mill-qrati taghna sabiex:-*
*(a) jigu evitati multiplicita ta` kawzi u ġudizzji: "**Alfred Zammit Cutajar vs Joseph Formosa**" (App.Civ. 26 ta` Gunju 1961) ;*
*(b) tiġi evitata possibilita ta` ġudizzji konfliggenti u rikorsi għar-rifuzjoni: "**A.J.C. Barboro vs Camelo Mallia**" (App. Civ. 26 ta` Ottubru 1956);*
*(c) l-interess tal-konvenut fil-konfront ta` terza persuna jiġi protett – "**Joseph Calleja vs Av. Joseph Micallef et noe**" (Prim Awla. 11 ta` Marzu 1952);*
*(d) ikun fl-interess ta` t-terza persuna u l-attur illi l-ġudizzju jkun osservat sew: "**Anthony Cini vs Joseph Demanuele**" (App.Civ. 8 ta` Frar 1946)".*
*Dan premess, il-Qorti tirreferi għas-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell fis-27 ta` Jannar 6 1997 fil-kawza "**Anthony Azzopardi et vs Calcedonio sive Donald Attard et**" fejn ingħad hekk:-*

*"Il-kjamata in kawza hija kostitwita mill-interess tal-persuna li tkun u malli jiġi rikonoxxut dan l-interess, il-Qorti għandha d-dover li tordnah".*
*"L-interess meħtieġ biex jiġġustifika dan il-provvediment huwa dak stess li huwa rikjest bil-liġi biex tiġi proposta azzjoni jew biex tista` tiġi opposta kontestazzjoni. Imma dan l-interess jista` jkun anke l-komunjoni tal-kontroversja fis-sens li l-kjamat fil-kawza, mingħajr ma jiġi kundannat jew liberat, ikun jista` jizviluppa r-ragunijiet tiegħu favur jew kontra l-attur".(ara wkoll **Joseph Cassar vs George Pace pro. et. nomine** deciza fis-6 ta` Ottubru 2000 mill-Qorti tal-Appell; **Joseph Riolo pro. et noe vs Carmel Muscat et** - App. Civ. 15 ta` Novembru.1991; **Michael Cutajar proprio et nomine Vs S.C. & Company Limited** deciza fit-8 ta`Ottubru 2004 u **Saviour Borg et. vs Joseph Degiorgio et**. deċiża fl-1 ta`Lulju 1999)*
*Fis-sentenza li tat din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawza fl-ismijiet "**Emanuel Camilleri vs Spettur Louise Calleja et**" fis-6 ta` Mejju 2014, kienet trattata talba għas-sejha fil-kawza fil-kors ta` azzjoni dwar ksur ta` jedd fondamentali. Il-Qorti qalet hekk:-*
*"Illi huwa magħruf li biex il-Qorti tilqa` talba għal sejħa fil-kawza ta` terzi jeħtieg jintwera li jkunu jezistu l-elementi mitluba mid-duttrina l-iżjed stabilita f`dan ir-rigward. Minn kliem il-liġi, s-sejħa fil-kawza ta` terza persuna waqt li l-kawza tkun miexja bejn partijiet oħrajn tista` tintalab biss meta l-kawza tkun għadha ma tħallietx għas-sentenza u biss fi proċediment li jkun għadu fl-ewwel istanza. Iżda tali sejħa tista` ssir kemm fuq talba ta` xi waħda mill-partijiet u kif ukoll, mingħajr dik it-talba, mill-Qorti nnifisha jekk jidhrilha li huwa xieraq li dan isir (ara per ezempju P.A. JSP 4.5.1992 fil-kawza fl-ismijiet **Jean Depasquale noe vs David Jones**);*

=

*Illi l-prinċipju ewlieni li għandu jitqies huwa li l-imsejjaħ fil-kawza, b`differenza minn dak li jkun indaħal fil-kawza minn rajh in statu et terminis, jitqies bħallikieku kien imħarrek u, kif juri l-artikolu 962, bis-sentenza mogħtija f`dik il-kawza jista` jinħeles jew jiġi kundannat daqslikieku l-kawza inħarget mill-bidunett kontrih;*

*Illi s-sejħa fil-kawza, jew kif kien magħruf fl-imgħoddi, l-intervent koatt (biex jintgħaraf mill-intervent volontarju li għalih japplika l-artikolu 960 tal-Kap 12), għandha l-għan li tevita li jkun hemm għadd ta` kawzi fuq l-istess mertu (App. Civ. 23.3.1962 fil-kawza fl-ismijiet* ***Sant Cassia et vs Montebello et*** *(Kollez. Vol:XLVI.i.171) meta dawk il-persuni jistgħu jitqiegħdu f`ġudizzju wieħed li jikkonsidra l-qagħda rispettiva tagħhom (Ara per ezempju, App. Civ. 23.11.1898 fil-kawza fl-ismijiet* ***Stepton vs Spiteri*** *(Kollez. Vol: XVI.i.117). Huwa essenzjali, għalhekk, li persuna msejħa fil-kawza jkollha interess fil-kwestjoni. Anzi, il-qafas ta` l-istitut tas-sejħa fil-kawza joħrog mill-kunċett fondamentali ta` interess tal-parti li toqgħod f`ġudizzju;*

*Illi l-interess li jsejjes is-sejħa fil-kawza għandu jkun fl-eżitu tal-ġudizzju, mhux neċessarjament fis-sens li l-imsejjaħ fil-kawza jkun kundannat jew meħlus, imma fis-sens li jsostni r-raġunijiet tal-attur jew tal-imħarrek, jew saħansitra tiegħu nnifsu differenti minn dawk tal-partijiet (Ara App. Civ 27.1.1997 fil-kawza fl-ismijiet* ***Anthony Azzopardi et noe vs Calcedonio sive Donald Attard et****). Imma, fi kwalunkwe kaz, l-interess tal-imsejjaħ fil-kawza għandu jkun ta` livell bħal dak imfisser minn ħafna sentenzi tagħna bħala l-interess ġuridiku li għandu jkollha parti fil-kawza. Fil-kaz prezenti, dan l-interess li jrid jintwera għandu jkun l-interess ta` persuna mħarrka;*

*Illi huwa stabilit ukoll li, minbarra l-għan tal-ekonomija tal-ġudizzji, l-istitut tas-sejħa fil-kawza huwa maħsub ukoll li jiggarantixxi l-integrita` tal-ġudizzju. Iżda ngħad ukoll li "l-istitut tal-kjamata fil-kawza ma jistax jiġi applikat, m`għandux ikun hemm rikors għalih, fil-kazijiet fejn il-ġudizzju jkun diġa` integru bil-prezenza fil-kawza tal-konvenut u fejn ir-responsabbilta` tal-konvenut vis-a`-vis l-attur hija indubitata indipendentement minn x`relazzjonijiet jista` jkollu hu ma` ħaddiehor li, kwantu l-attur, jibqa` terz" (App. Inf. 18.5.1995 fil-kawza fl-ismijiet* ***Farrugia vs Fava*** *(Kollez. Vol: LXXIX.ii.1110);Illi, kif ingħad, il-Qrati tagħna stabilew regoli li dwarhom is-sejħa fil-kawza jmissha tiġi meqjusa, u, b`mod partikolari, f`liema ċirkostanzi għandha tintlaqa` talba għal tali sejħa u, b`mod iżjed siewi, meta m`għandhiex jew ma jmisshiex tintlaqa` talba bħal din;*

*Illi l-Qorti għandha tordna s-sejħa fil-kawza jekk il-persuna li tagħha tintalab din is-sejha jkollha dak l-interess li huwa meħtieg mil-liġi f`persuna biex minnu*

=

*tista` tiġi proposta azzjoni jew biex tiġi opposta kontestazzjoni (P.A. 29.10.1935 fil-kawza fl-ismijiet **Libreri vs Staines noe** (Kollez. Vol: XXIX.ii.706) u s-sentenzi hemm imsemmija). Madankollu, s-sejħa fil-kawza m`għandhiex tintuza biex jidħlu fil-kawza persuni li, għalkemm għandhom l-interess meħtieg, jiddaħħlu biex jissostitwixxu persuni li ma jkun messhom qatt ġew imħarrkin, jew ikunu ġew imħarrkin ħazin (P.A. 6.2.1962 fil-kawza fl-ismijiet **Tabone noe vs Magri** (Kollez. Vol: XLVI.ii.561) u l-bosta sentenzi hemm imsemmija; u App. Kumm. 19.5.1995 fil-kawza fl-ismijiet **Wismayer et vs Wismayer et** (Kollez. Vol: LXXIX.ii.955);*

*Illi għalkemm normalment is-sejħa fil-kawza ssir mill-parti mħarrka, kif jidher mill-artikolu tal-liġi fuq imsemmi, din it-talba tista` ssir ukoll minn min ikun fetaħ il-kawza. Tista` ssir ukoll mill-Qorti ex ufficio, iżda qatt minn u fuq talba tal-imsejjaħ innifsu (App. Civ. 11.5.2011 fil-kawza fl-ismijiet **Reginald Fava pro et noe vs Suprintendent tas-Sahha Pubblika noe et**). Għal xi żmien kien jingħad li ma għandhiex tintlaqa` talba għas-sejħa fil-kawza minnha tal-attur meta dan seta` jew suppost li kien jaf bl-ezistenza jew l-interess ta` persuni fil-mertu tal-kwestjoni li huwa messu ħarrek sa mill-bidu (App. Civ.: 14.1.1938 fil-kawza fl-ismijiet **Captur vs Felice** (Kollez. Vol: XXX.i.1) u s-sentenzi hemm imsemmijin). Iżda llum jidher li t-tifsira vera ta` dan il-punt tħares iżjed lejn il-kwestjoni tal-interess guridiku tal-imsejjaħ milli lejn l-għarfien jew le tal-attur (qabel ma bdiet il-kawza) dwar kull min seta` kellu interess (Ara P.A. JSP 16.3.1993 fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Ripard et vs Onor. Prim Imhallef Carmelo Schembri et** u s-sentenzi hemm imsemmija) u dan dejjem bil-kawtela li l-istess sejħa fil-kawza ma tintuzax biex jiddaħħal fil-kawza mħarrek ieħor flimkien mal-imħarrek originali li ma messu tħarrek qatt (App. Civ. 26.4.1971 fil-kawza fl-ismijiet: **Vincenzina Cassar vs Anthony Vella** u s-sentenzi hemm imsemmija);*

*Illi meta saret it-talba f`isem ir-rikorrent biex din il-Qorti tordna ssejħa fil-kawza tal-Avukat Generali, l-għaref difensur tiegħu iġġustifika t-talba fuq dak li jissemma fil-paragrafi ghaxra (10), ħdax (11) u tnax (12) tar-rikors promotur. Dawn it-tliet paragrafi jitkellmu dwar ksur tal-jeddijiet tar-rikorrent min-naħa tal-Qrati li kienu qegħdin jisimgħu l-kaz tiegħu u qatgħu s-sentenzi rispettivi. Huwa żied jgħid li "din it-talba la tolqot negattivament u lanqas tippregudika lill-intimati prezenti. Inoltre dejjem ġie ritenut illi fil-proċeduri quddiem il-Prim`Awla Kostituzzjonali tiġi adottata flessibilita` bil-għan illi l-proċeduri jistgħu jwasslu għall-ksib ta` rizultat li għalih kienu intizi";*

*Illi, wara li qieset il-konsiderazzjonijiet fuq imsemmija u dan fil-qafas tat-tagħrif li tressaq s`issa quddiem din il-Qorti, hija tasal għall-fehma li t-talba tar-rikorrent jixraq li tintlaqa`. Fl-ewwel lok, għalkemm huwa minnu li l-intimati ma qajmu l-ebda eċċezzjoni dwar jekk humiex il-kontradditturi legittimi tal-azzjoni attriċi u lanqas eċċezzjoni dwar in-nuqqas ta` integrita` tal-ġudizzju, it-tliet*

=

*paragrafi msemmija tar-rikors promotur jirrigwardaw ilmenti ta` ksur ta` dritt fundamentali min-naħa ta` istituzzjoni (l-qrati) li ż-żewg intimati ma jirrapprezentaw bl-ebda mod. Fit-tieni lok, il-persuna li l-ġurisprudenza tqis bħala l-legittimu kontradittur xieraq f`kazijiet fejn jitqajjem ilment ta` ksur ta` jedd fundamentali dwar smigħ xieraq minħabba operat partikolari ta` qorti huwa l-Avukat Generali (Ara, b`ezempju, Kost. 8.11.2004 fil-kawza fl-ismijiet:* ***Xuereb vs Registratur tal-Qrati et*** *(Kollez. Vol: LXXXVIII.i.360) u Kost. 7.10.2005 fil-kawza fl-ismijiet:* ***Mark Lombardo vs Kunsill Lokali Fgura et*** *fost bosta oħrajn). Fit-tielet lok, it-talba għas-sejħa fil-kawza saret f`waqt li l-liġi tħalli li ssir ladarba l-kawza għadha fl-istadju (għalkemm inoltrat) tat-tressiq tal-provi tal-intimati, u għadha ma tħallietx għas-sentenza;*

*Illi l-Qorti tqis li ladarba kien ir-rikorrent innifsu li talab is-sejħa fil-kawza u dan wara li kien iddikjara li ma kellux aktar provi x`iressaq, hija qiegħda tilqa` t-talba tiegħu biss għar-ragunijiet imsemmija hawn fuq u bil-fehma sħiħa li ma jergax jinfetaħ il-ġbir tal-provi tar-rikorrent u dan għaliex ir-ragunijiet li wasslu biex ittalba tiegħu tintlaqa` kienu jezistu sa mill-bidu tal-kawza u messhom kienu ħwejjeg magħrufa minn dak il-waqt. Minbarra dan, is-sejħa fil-kawza tal-Avukat Generali trid issir bi spejjez ghar-rikorrent."*

*Fil-kawza "***Raymond Cassar Torreggiani et vs Avukat Generali et***" deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-22 ta` Frar 2013, din il-Qorti diversament presjeduta ttrattat il-kwistjoni ta` min huwa l-legittimu kontradittur fil-kaz ta` azzjoni għal ksur ta` jedd fundamentali.*
*Ingħad hekk:-*

*"Illi l-kwestjoni ta` min huwa l-legittimu kontradittur xieraq f`azzjoni ta` ksur ta` jedd fundamentali tmur lil hinn mill-kwestjoni tal-interess guridiku tal-parti. Il-qofol tal-azzjoni ta` lment dwar ksur ta` jedd fundamentali huwa l-għoti ta` rimedju xieraq għal tali ksur, minbarra s-sejbien fih innifsu tal-ksur;*
*"Illi l-Qorti tagħraf il-fatt li l-kwestjoni dwar min għandu jwieġeb għall-ilment ta` ksur ta` jedd fundamentali tal-bniedem ilha żmien tkidd lil min ikun involut f`kawzi bħal dawn. Biż-żmien, tfasslu regoli ta` prattika biex jingħaraf kontra min kawza bħal din imissha titressaq (Per ezempju, ara Kost. 7.12.1990 fil-kawza fl-ismijiet* ***Abela v. Il-Prim Ministru et*** *(Kollez. Vol: LXXIV.i.261). Il-ħsieb dejjem kien li eċċezzjoni bħal din m`għandhiex isservi biex jitwal il-proċess tas-smigħ tal-ilment fil-mertu, imma biex jiġi mistħarreg min tassew jista` jagħti r-rimedju f`kaz li jirrizulta li lilment tal-ksur tad-dritt fundamentali kien wieħed mistħoqq (Kost. 6.8.2001 fil-kawza fl-ismijiet* ***Joseph M. Vella et v. Kummissarju tal-Pulizija et****). Mad-dħul fis-seħħ fil-bidliet estensivi li saru fil-Kodiċi tal-Proċedura fl-1995, u b`mod partikolari fl-artikolu dwar ir-rapprezentanza tal-Gvern fil-kawzi, jidher li tqies li l-problema tal-legittimu kuntradittur kienet b`hekk twittiet*

=

*darba għal dejjem. Dan l-iżjed minħabba li l-artikolu 181B ma kien jagħmel l-ebda distinzjoni dwar l-għamla ta` proċedura ġudizzjarja li għaliha kien jirreferi. Mhux hekk biss, imma l-imsemmi artikolu jagħmel parti minn Titolu tal-Kodici li d-dispozizzjonijiet tiegħu "jghoddu ghall-qrati kollha" (Art. 193 tal-Kap 12);*
*….*
*Illi l-Qorti tqis li l-kwestjoni ta` min għandu jwieġeb għal xilja ta` ksur ta` jedd fondamentali tintrabat sewwa mal-għamla tal-ksur li jkun u wkoll mal-għamla ta` rimedju li jista` jingħata. Ilu żmien li l-Qrati tagħna għarfu din ir-rejalta` u għalhekk sawru d-distinzjonijiet meħtiega applikabbli għall-biċċa l-kbira mill-kazijiet. Għalhekk, illum il-gurnata jingħarfu kategoriji differenti ta` persuni li jistgħu jitqiesu bħala legittimi kuntraditturi f`azzjonijiet kostituzzjonali. Dawn jinqasmu fi tliet kategoriji, jiġifieri (a) dawk li jridu jwieġbu direttament jew indirettament għall-għamil li jikser id-dritt fundamentali ta` persuna, (b) dawk li jridu jagħmlu tajjeb (billi jipprovdu r-rimedju xieraq) għan-nuqqasijiet jew l-egħmejjel li bihom ħaddiehor jikser xi jedd fundamentali ta` xi ħadd, u (c) dawk il-partijiet kollha li jkunu f`kawza meta kwestjoni ta` xejra kostituzzjonali jew konvenzjonali tqum waqt is-smigh ta` xi kawza f`qorti (Kost. 7.12.1990 fil-kawza fl-ismijiet* ***Abela v. Onor. Prim Ministru et*** *(Kollez. Vol: LXXIV.i.261); u Kost. 6.8.2001 fil-kawza fl-ismijiet* ***Joseph Mary Vella et v. Kummissarju tal-Pulizija et****).*

*Ma` dawn, u dejjem jekk ikollhom interess fil-kawza, jistgħu jiddaħħlu persuni oħrajn bil-għan li jagħmlu sħiħ il-ġudizzju u jagħmluh rapprezentattiv ta` kull interess involut fil-kwestjoni;*

*Illi jekk wieħed iqis kif inhuma mfassla t-talbiet tar-rikorrenti f`din il-kawza, wieħed isib li hija l-liġi nnifisha li qiegħda tkun attakkata bħala dik li biha huma qegħdin iġarrbu ksur ta` jedd fundamentali tagħhom. Huwa minnu li huma m`humiex qegħdin jattakkaw issiwi nnifsu tal-liġi, iżda huma qegħdin jilmintaw minn liġi li, bilmod kif titħaddem, iġġibilhom ħsara fit-tġawdija ta` ħwejjiġhom. Minbarra dan, qegħdin jitolbu li jingħataw rimedju (kumpens) minħabba l-effetti ta` dik il-liġi;*

*Illi, jekk il-kaz tar-rikorrenti jittieħed f`dan id-dawl, jiġi li, filwaqt li l-azzjoni tar-rikorrenti kontra l-intimat Avukat Generali tressqet sewwa kontrih, ma jistax jingħad l-istess dwar l-intimati mizzewgin Tabone;*
*…*
*Illi, min-naħa l-oħra, l-intimati mizzewgin Tabone għandhom ragun jgħidu li huma la kellhom x`jaqsmu meta għaddiet il-liġi, la kienu huma li daħħluha fis-seħħ u lanqas kienu huma l-awtorita` li ippromulgatha. Il-qagħda tagħhom f`din il-kwestjoni hija biss li huma nqdew bil-jeddijiet li tathom l-imsemmija liġi u mxew magħha. Minħabba f`hekk, la jistgħu jagħtu rimedju lir-rikorrenti u wisq*

=

*anqas jistgħu jinstabu ħatja li qegħdin jikkommettu l-ksur ilmentat. Kif ingħad, ir-rikorrenti jisħqu li l-intimati huwa posthom fil-kawza minħabba li, bħala l-kerrejja tal-post, għandhom tabilfors interess qawwi fl-eżitu tagħha;*

*Illi, kif ingħad aktar qabel, l-interess tal-intimati f`dak li jista` jseħħ ma jissarrafx minnu nnifsu f`legitimazzjoni passiva tal-azzjoni tar-rikorrenti, l-aktar meta wieħed iqis it-termini partikolari ta` azzjoni ta` lment dwar ksur ta` jeddijiet fundamentali. Huwa minnu li l-intimati seta` kellhom interess li jintervjenu fil-kawza wkoll kieku ma kenux imħarrkin, iżda dan is-sehem tagħhom fil-kawza kien ikun bħala "amicus curiae" fid-determinazzjoni tal-kwestjoni jew, fl-aqwa ipotezi, għal għanijiet ta` integrita` tal-ġudizzju;*

*Illi, madankollu, l-Qorti tqis li minn kif inhija mfassla l-azzjoni tar-rikorrenti, ma jistax iwassal li l-intimati (ladarba għazlu din il- linja ta` difiza) għandhom ikunu huma li jwiegbu għall-ilmenti talistess rikorrenti, u wisq anqas li jkunu huma li jagħtu l-kumpens mitlub. Wara kollox, jekk wieħed iħaddem il-prinċipju li qui suo jure utitur neminem laedere videtur, wieħed qajla jista` jara kif l-intimati Tabone, talli qegħdin jinqdew minn ħarsien u jedd li tagħtihom liġi u fil-limiti ta` dik il-liġi, jistghu jkunu ħatja ta` ksur ta` jedd ta` ħaddiehor (is-sid tal-post);*

*Illi, fid-dawl ta` dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti ssib li għandha tiċħad l-eċċezzjoni safejn din tressqet mill-intimat Avukat Generali, iżda tilqagħha safejn tressqet (taħt iz- zewg eċċezzjonijiet preliminari relativi) mill-intimati mizzewgin Tabone."*

*Fl-istadju tal-appell minn din id-deċizjoni, il-Qorti Kostituzzjoni ttrattat aggravju fis-sens li bl-estromissjoni mill-kawza tal-intimati konjugi Tabone "jekk (il-Qorti) issib it-talbiet attriċi huma fondati ma tkunx tista` tagħti r-rimedju effettiv ta` żgumbrament kif mitlub mit-tieni talba għat-tġawdija tal-proprjeta` tagħhom, u għalhekk l-intimati Tabone għandhom jibqgħu in kawza."*

*Il-posizzjoni li ħadet l-Ewwel Qorti ma kenitx kondiviża mill-Qorti Kostituzzjonali. Fis-sentenza tagħha, il-Qorti Kostituzzjoni qalet hekk :-*

*"[11] Illi fl-ewwel lok jiġi osservat li, kif ritenut fil-ġurisprudenza lokali, biex ġudizzju jkun integru jeħtieg li, għall-aħjar ġudizzju tal-Qorti, jipparteċipaw fih dawk kollha li huma nteressati fil-kawza. B`hekk tiġi assigurata kemm jista` jkun l-effikaċita` tal-ġudizzju inkwantu dan jorbot biss lil dawk li jkunu parteċipi fih, kif ukoll jiħi rispettat il-prinċipju tal-ekonomija tal-ġudizzju sabiex ma jkunx hemm bżonn ta` ripetizzjoni ta` proċeduri kontra l-persuni kollha interessati fid-diversi kawzi billi dawn ma jkunux ħadu parti f`ġudizzju wieħed. Il-ġudizzju jibqa` integru mill-mument li jieħdu parti fih dawk li jkollhom id-dritt, u dawk li*

=

*kontra tagħhom dak listess dritt jikkompeti (App.Civ.* ***Joseph Borg v. Francis Vassallo*** *[2000] Vol.LXXXIV.II.42; App. C.* ***Zahra De Domenico v. Zahra De Domenico*** *15.01.1992.)*

*[12] Fil-kaz in dizamina, ir-rikorrenti qed jitolbu li din il-Qorti tiddikjara li l-applikazzjoni fil-konfront tagħhom tal-Artikolu 5 tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta` Malta, huwa leżiv tad-dritt fundamentali tagħhom għat-tgawdija tal-proprjeta`, inkwantu dan l-Artikolu, kif emendat bl-Att XXIII tas-sena 1979, huwa ta` ostakolu legali għalihom biex jirriprendu l-pussess tal-proprjeta` tagħhom mingħand l-inkwilini, l-intimati konjugi Tabone, wara li kien skada 13 l-perjodu lokatizju ta` ħames snin pattwit fl-iskrittura privata tas-7 ta` Marzu 1979. Inoltre, fir-rikors promotur ir-rikorrenti qed jitolbu li jingħataw rimedju xieraq.*

*[13] Mill-premess għandu jirrizulta ċar li l-intimati konjugi Tabone, bħala inkwilini tal-fond de quo, u tenut kont tal-fatt li proprju l-inkwilinat tagħhom jifforma l-mertu tal-kawza odjerna, għandhom interess ġuridiku u għalhekk ikunu parteċipi fil-kawza li jista` jkollha effetti legali anke fuqhom.*

*[14] Inoltre, din il-Qorti tosserva li l-istadju li fih għadha l-kawza, mhuwiex opportun li jiġi diskuss il-punt tar-rimedju xieraq, meta għadu ma ġiex deċiz il-punt pre-ordinat għall-istess, u ċioe` jekk filfatt teżistix il-leżjoni pretiza mir-rikorrenti għad-drittijiet fundamentali tagħhom*
.
*[15] Għaldaqstant l-aggravju huwa ġustifikat, u ser jiġi milqugħ."*

*Fuq l-istregwa ta` uhud mis-sentenzi fuq riferiti, din il-Qorti kif ippresjeduta kienet tat decizjoni fit-28 ta` Settembru 2017 fil-kawza:* ***Maria Ewkaristika Farrugia et vs L-Avukat Generali****: fejn kellha quddiemha talba simili ghal dik tal-lum. Il-Qorti ppronunzjat ruhha hekk :-*

*"Premessi dawn il-fatti, il-Qorti tqis illi fil-kawza tal-lum qed ikun allegat ksur tal-Art 39 tal-Kostituzzjoni u tal-Art 6 tal-Konvenzjoni. Il-Qorti tqis illi ghall-fini ta` l-ilment tar-rikorrenti dwar allegat ksur tal-jedd taghhom dwar smigh xieraq fil-kors tal-proceduri gudizzjarji fuq riferiti, Martin Farrugia ma jiccentra xejn. L-ezami fil-mertu li trid taghmel din il-Qorti huwa li tistabilixxi jekk bil-mod kif kienu kondotti iz-zewg procedimenti gudizzjarji fuq riferiti kienx hemm lezjoni ghall-jedd fondamentali tar-rikorrenti ghal smigh xieraq kif tutelati bil-Kostituzzjoni u bil-Konvenzjoni.*

*Ma hemm l-ebda kwistjoni ta` integrita` ta` gudizzju.*

=

*Il-kawza tal-lum m`ghandhiex x`taqsam mal-mertu tal-kawza Ref Nru 17/2016 JVC.L-ilment dwar smigh xieraq jolqot il-konduzzjoni taz-zewg procedimenti gudizzjarji fuq riferiti, indipendentement mill-posizzjoni ta` Martin Farrugia. Il-fatt illi Martin Farrugia huwa parti fiz-zewg proceduri gudizzjarji fuq riferiti ma jaghmlux ipso facto parti fil-kawza tallum fejn qieghed ikun trattat biss allegat ksur tal-jedd ghal smigh xieraq.*

*Imkien ma qieghed ikun allegat illi Martin Farrugia kien kompartecipi fl-allegat ksur tal-jedd ghal smigh xieraq. Huwa l-Avukat Generali wahdu li ghandu jwiegeb skont il-ligi ghall-lanjanzi tar-rikorrenti."*

*Decizjoni relevanti ohra dwar il-kwistjoni in ezami kienet dik illi tat din ilQorti diversament presjeduta fl-10 ta` Mejju 2017 fil-kawza:* ***Grace Spiteri vs L-Avukat Generali****: fejn inghad hekk:-*

*"Din il-Qorti tqis illi Amabile Grech et al, qua cittadini privati ma jistghu qatt jirrispondu ghat-talbiet tar-rikorrenti. Kif sewwa ntqal mir-rikorrenti, il-Kostituzzjoni torbot lill-Istat fil-konfront taccittadin, u ghalhekk huwa l-Istat biss li jista` jirrispondi ghat-talbiet tar-rikorrenti.*
*Amabile Grech et al, qua cittadini privati, ma jistghux legalment jirrispondu ghall-allegata inkostituzzjonalita tal-procedura ta` rikuza ta` Imhallef, jew jehlu l-ispejjez ta` din il-kawza.*
*Huwa l-Istat li huwa vestit bl-obbligu li jassigura u jipprotegi ddrittijiet fundamentali tal-bniedem.*
*Ghalhekk ic-cittadin privat ma jistghax ikollu interess guridiku sufficjenti f`dawn il-proceduri, peress illi bl-ebda mod ma jista` jinzamm responsibbli ghal allegat ksur ilmentat mir-rikorrenti. Filfatt, ir-rikorrenti stess mhux qed jilmentaw mill-agir ta` Amabile Grech et al, li wara kollox agixxew skont il-ligi, izda minn dak talIstat, senjatament mill-allegat nuqqas da parti tal-legislatur illi jipprovdi rimedji xieraq f`kaz fejn l-imparzjalita ta` gudikant tkun qed tigi kontestata jew impunjata minn xi parti f`kawza.*

*Il-Qorti tqis illi m`hemmx necessita' illi Amabile Grech et al ikunu parti minn dawn il-proceduri sabiex l-istess proceduri jkunu integri, ghaliex apparti dak li inghad hawn fuq, il-konkluzjoni tal-Qorti f`din il-kawza m`hijiex ser tincidi fuq il-mertu tal-kawza li hija suggett f`dawk il-proceduri."*

*Sintetikament ghalhekk dawn il-principji gurisprudenzjali juru li -*
*1. Talba ghall-kjamat in kawza ta' terza persuna titqies favorevolment primarjament meta l-prezenza ta' tali persuna fil-proceduri tkun indispensabbli ghall-kompletezza tal-gudizzju;*

=

*2. F'diversi kazi pero', anke jekk il-gudizzju kien integru, xorta giet ordnata l-kjamata in kawza ta' terza persuna, u dan sabiex jigu protetti d-drittijiet ta` min ikun direttament interessat fl-ewwel azzjoni giudizzjarja;*
*3. L-interess mehtieg biex persuna tiddahhal f'kawza ghandu jkun bhall-interess guridiku li ghandu jkollha parti fil-kawza, madankollu dan l-interess jista` jkun anke mibni fuq il-fatt li anke jekk ma jigix direttament kundannat jew liberat, il-kjamat ikun jista` jressaq ir-ragunijiet tieghu favur jew kontra t-tezi ta' min qed jipproponi l-kawza jew tal-intimat, jew addirittura tieghu nnifsu differenti minn dawk tal-partijiet;*
*4. Fir-rigward ta' proceduri ta' natura kostituzzjonali bhal dak tal-lum, huwa minnu li fil-principju, kif anke osservat ir-rikorrenti odjerna, huwa l-Istat li jgorr ir-responsabbilta' ghall-ksur ta' drittijiet fundamentali tal-parti leza. Madankollu anke n-natura tar-rimedju mitlub jew akkordat jista' jwassal ghat-tnissil ta' nteress guridiku f'terzi persuni privati li jistghu jigu affetwati bir-rimedju moghti jekk il-kaz kostituzzjonali jkollu ezitu favorevoli ghar-rikorrenti. Ezempju wiehed huwa f'kawzi kostituzzjonali fejn sidien ta' proprjetajiet jallegaw illi huma qeghdin jigu mcahhda mill-proprjeta' taghhom bi ksur tad-drittijiet fundamentali taghhom minhabba ez. dak li jistipulaw xi dispozizzjonijiet tal-Ordinanza li Tnehhi l-Kontroll ta' Djar (Kap 158 tal-Liġijiet ta' Malta). F'tali kawzi, ghalkemm strettament huwa l-Istat li jkun promulga l-ligi meqjusa leziva u huwa l-Istat ukoll li se mai jinstab li kiser id-drittijiet fundamentali tas-sid, ir-rimedju moghti mhux l-ewwel darba li ma jkunx limitat biss ghall-kumpens pekunarju izda jigi deciz ukoll li b'rizultat tal-ksur imsemmi, fl-eventwalita' ta' kawza ghal zgumbrament kontra l-inkwilin li jkun jabita fil-fond in kwistjoni, tali nkwilin ma jkunx jista' jinvoka l-protezzjoni tal-ligi msemmija a favur tieghu bhala difiza.*

*Hekk fost ohrajn issir referenza ghall-kaz kostituzzjonali* ***Dr Cedric Mifsud et noe vs Avukat Generali et*** *(Rik kost 34/10). L-inkwilin f'dak il-kaz kien gie kjamat fil-proceduri peress li fost ir-rimedji mitluba ghall-allegat ksur ta' drittijiet fundamentali kien hemm dawk li propju jolqtu l-interessi u d-drittijiet tieghu qua inkwilin direttament (Ir-rikorrenti talbu lill-Qorti -"Taghti lir-rikorrenti dawk ir-rimedji li jidhrilha li huma xierqa fis-sitwazzjoni, inkluz li jergghu jiehdu l-pussess tal-art". Effettivament tali rimedju gie akkordat meta l-Qorti ddecidiet li -"Tiddikjara li l-Artikolu 12(2) tal-Ordninanza li Tnehhi l-Kontroll tad-Djar (Kap. 158 tal-Ligijiet ta' Malta) hu inkonsistenti mad-dritt fundamentali tarrikorrenti taht l-Artikolu 1 tal-Protokoll numru 1 fir-rigward tal-fond numru 13, Charlotte Alley, Gharghur, u ghalhekk m'ghandux effett. Ghaldaqstant l-intimat Camilleri ma jistax jinvoka dan il-provvediment biex jibqa' jabita fil-fond oggett ta' dawn il-proceduri". Din il-parti tas-sentenza giet konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Jannar 2014).*

=

*L-istess jinghad ghall-kaz citat fis-suespost minn din il-Qorti* ***L-On. Dr Simon Busuttil vs L-Avukat Generali*** *fejn gie deciz li l-eccezzjoni tal-intimati ghall-kjamat fil-kawza tal-persuni mitluba kellha tintaqa' ghax l-ezitu tal-proceduri kostituzzjonali seta' jkollu mpatt fuqhom. Il-Qorti qalet hekk –*

*"Il-Qorti tkompli tirrimarka illi l-kawza tal-lum kienet promossa wara li d-diversi rikorsi ta` appell intavolati skont il-ligi mill-persuni ndikati fit-tielet eccezzjoni kienu lkoll assenjati ghas-smigh quddiem l-Onor. Imhallef Antonio Mizzi, li min-naha tieghu cahad it-talba ghal rikuza mis-smigh ta` dawk irrikorsi, li tressqet mir-rikorrent odjern.*

*Abbazi tal-fatti li jirrizultaw mill-atti, u fl-isfond tal-gurisprudenza fuq citata, ghal din il-Qorti huwa bil-wisq evidenti li l-persuni kollha ndikati fit-tielet eccezzjoni ghandhom l-interess rikjest mil-ligi sabiex ikunu parti fil-procediment odjern billi kemm dan il-procediment kif ukoll l-esitu tieghu huwa direttament, sostanzjalment u ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi relatat mal-appelli tal-persuni mill-provvediment tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja.*

*B`zieda ma` dan, il-Qorti hija tal-fehma illi fir-rikors tal-lum, kuntrarjament ghat-talbiet li saru fil-kawzi:* ***Grace Spiteri vs L-Avukat Generali****; u* ***Ewkaristika Farrugia et vs L-Avukat Generali****, ma hemmx biss talba sabiex jigi dikjarat li digriet partikolari jew procedura partikolari qeghda tikser jew x` aktarx ser tikser id-dritt ta` smigh xieraq tar-rikorrent.*

*Tant dan huwa hekk illi fil-kaz tal-lum, permezz tat-tieni talba, il-qorti hija mitluba thassar, tannulla u tirrevoka kwalsiasi digrieti u/jew sentenzi li tat il-Qorti Kriminali presjeduta mill-Onor Imhallef Antonio Mizzi fir-rikorsi inkluz izda mhux limitat ghal digrieti jew sentenzi li jolqtu l-mertu ta` l-istess rikorsi. B`din it-talba, qed jintalab li minhabba allegata lezjoni tad-dritt fundamentali tar-rikorrent ghal smigh xieraq, id-digrieti u sentenzi diga` moghtija jigu mhassra u annullati, inkluz dawk li jolqtu l-mertu tar-rikorsi pprezentati mill-persuni ndikati fl-eccezzjoni li qeghda tkun deciza llum.*

*Abbazi tal-premess, ghandu jirrizulta car li l-persuni koncernati, bhala l-persuni li pprezentaw ir-rikorsi de quo quddiem il-Qorti Kriminali presjeduta mill-Onor. Imhallef Antonio Mizzi, ghandhom l-interess shih li trid il-ligi sabiex ikunu parti fil-kawza tal-lum, li tista` twassal, in vista tat-talbiet li ressaq ir-rikorrent fil-kawza tal-lum, ghat-thassir ta` provvedimenti li jirrigwardaw direttament dawk il-persuni.*

=

*Din il-Qorti ssib konfort ghal dak li qeghda tghid f`diversi istanzi kostituzzjonali fejn fil-kaz ta` sitwazzjonijiet kwazi-identici ghal din tal-lum, qrati ta` gurisdizzjoni bhal din tal-lum ordnaw il-kjamata fil-kawza ta` persuni bl-interess li trid il-ligi. In partikolari tirreferi ghad-digriet tat-30 ta` Gunju 2015 li tat din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawza fl-ismijiet* ***Lawrence Grech et vs L-Avukat Generali et****.*

*Certament ghalhekk li dawn huma biss uhud mid-diversi istanzi fejn it-terz privat ghandu jkun parti mill-kawza kostituzzjonali ghaliex potenzjalment jista' jigi affetwat mill-ezitu ta' dawk l-istess proceduri.*

***Stabbiliti dawn il-principji l-Qorti tqis li l-eccezzjoni tal-intimati fil-kaz tal-lum hija gustifikata.***

*Ir-rikorrenti qeghda tressaq lanjanza li tirrigwarda r-ritorn ta' binha u iben Dean Michael Roche lejn ir-Renju Unit. Fl-ewwel u t-tieni talba taghha r-rikorrenti qeghda nfatti tfittex proprju minghand din il-Qorti dikjarazzjoni li tali ritorn tal-minuri lejn ir-Renju Unit tikkostitwixxi ksur ta' drittijiet fundamentali kemm taghha kif ukoll tat-tifel. Tali materja dwar ir-ritorn tal-minuri f'dak il-pajjiz hija sal-lum kristalizzata minn sentenza tal-Qorti tal-Appell fit-30 t'Ottubru 2015* ***Rik Nru 10/2015*** *fl-ismijiet* ***Direttur tad-Dipartiment ghall-Istandards fil-Harsien Socjali vs Sharon Rose Roche*** *wara proceduri li nbdew mill-Awtorita' kompetenti Maltija fuq talba ta' missier il-minuri Dean Michael Roche tramite l-awtorita' kompetenti tar-Renju Unit. Fit-tielet talba taghha mbaghad ir-rikorrenti tattakka ulterjorment tali sentenza tal-Qorti tal-Appell ghax tallega li din hija f'kunflitt ma' decizjoni ohra moghtija minn Qorti fil-prim Istanza li akkordatilha l-kura u kustodja shiha tal-minuri. Bhala rimedju mbaghad fir-raba' talba taghha r-rikorrenti, oltre kumpens pekunarju qegha titlob ukoll l-ghoti ta' dawk ir-rimedji kollha li l-Qorti jidhrilha "xierqa u opportuni".*

*F'tali cirkustanzi, Michael Dean Roche, bhala l-persuna li ta bidu ghal dan il-process ghar-ritorn ta' ibnu gewwa r-Renju Unit zgur li ghandu l-interess guridiku mehtieg biex jiddahhal parti mill-proceduri kostituzzjonali. Dan in vista tal-fatt li f'kaz ta' ezitu favorevoli ghall-pretensjonijiet u t-talbiet tar-rikorrenti, ir-rimedju jista' jkun it-thassir u non-enforzabilita' tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-30 t'Ottubru 2015.*

*Tali ezitu minghajr ma tinghata l-opportunita' lill-istess Dean Michael Roche biex ikun direttament partecipi fil-kawza biex iressaq ir-ragunijiet tieghu in difiza kontra l-pretensjoniet tar-rikorrenti huwa meqjus li jwassal ghal pregudizzju serju ghad-drittijiet tieghu.*

=

*L-istess jinghad fir-rigward tal-pretensjonijiet tar-rikorrenti li jolqtu s-sentenza* ***Sharon Rose Roche nee' Bellamy vs Dean Michael Roche*** *deciza mill-prim istanza fil-21 ta' Frar 2017, proceduri li r-rikorrenti odjerna kienet istitwiet direttament kontra l-istess Michael Dean Roche ghall-kura u kustodja ta' binhom. Decizjoni ta' din il-Qorti li tista' tinfluwixxi fuq l-ezitu ta' dik is-sentenza kif ukoll fuq l-appell li l-missier stess intavola quddiem il-Qorti tal-Appell, tista' tippregudika l-interess dirett u l-pozizzjoni tieghu f'dik il-kawza jekk huwa ma jkunx kjamat fil-proceduri tal-lum."*

F'deċizzjoni oħra ta' l-istess portata li din il-Qorti se tagħmel ukoll referenza għalija hija dik fl-ismijiet **Nadia Vella et. vs L-Avukat Generali et.**[2] ingħad is-segwnti fir-rigward ta' l-eċċezzjoni n ezami:-

***"3. L-ewwel eccezzjoni tal-intimat Joseph Camilleri***

*Dwar eccezzjoni ta` din ix-xorta, din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza li tat fil-kawza* ***Marilyn Tanti vs L-Avukat Generali et*** *fis-6 ta` Marzu 2018, irrimarkat hekk :-*

*"Illi l-Qorti tqis li l-kwestjoni ta` min ghandu jwieġeb ghal xilja ta` ksur ta` jedd fondamentali tintrabat kemm mal-ghamla tal-ksur jkun u wkoll mar-rimedju xieraq li jista` jinghata ghal dak il-ksur. Illum hu stabilit li l-Qrati taghna gharfu din ir-rejalta`, u ghalhekk sawru d-distinzjonijiet mehtieġa applikabbli ghall-biċċa l-kbira mill-każijiet. Illum il-ġurnata jingharfu kategoriji differenti ta` persuni li jistghu jitqiesu bhala leġittimi kuntraditturi f`azzjonijiet kostituzzjonali. Dawn jinqasmu fi tliet kategoriji, jiġifieri (a) dawk li jridu jwieġbu direttament jew indirettament ghall-ghemil li jikser id-dritt fundamentali ta` persuna, (b) dawk li jridu jaghmlu tajjeb (billi jipprovdu r- rimedju xieraq) ghan-nuqqasijiet jew l-eghmejjel li bihom haddiehor jikser xi jedd fundamentali ta` xi hadd, u (ċ) dawk il-partijiet kollha li jkunu f`kawża meta kwestjoni ta` xejra kostituzzjonali jew konvenzjonali tqum waqt is-smigh ta` xi kawża f`qorti (Kost. 7.12.1990 fil-kawża fl-ismijiet* ***Abela vs Onor. Prim Ministru et****). Ma` dawn, u dejjem jekk ikollhom interess fil-kawża, jistghu jiddahhlu persuni ohrajn bil-ghan li jaghmlu shih il-ġudizzju u jaghmluh rappreżentattiv ta` kull interess involut fil-kwestjoni. Ghaldaqstant, meta l- allegazzjoni ta` ksur ta` wiehed mid-drittijiet fundamentali tal-bniedem tqum minn jew fuq proceduri li jkunu pendenti bejn il-partijiet, dawk il-partijiet ghandhom jifformaw parti mill-istess ġudizzju, kemm ghaliex dawn ghandhom ċertament interess fl-istess proċeduri u wkoll ghall-integrita` tal-ġudizzju* ***(P.A. Kost. RCP 10.1.2003 fil-kawża fl-ismijiet Kenneth Brincat et vs Avukat Ġenerali et)****"*

[2] Rikors Guramentat 62/2016 JZM : 30/05/2019

=

*Fil-kawza tal-lum, ghal ragunijiet ta` allegat ksur tal-jeddijiet fondamentali taghhom hekk kif tutelati bl-Art 6 u bl-Art 8 tal-Konvenzjoni, ir-rikorrenti qeghdin jitolbu t-thassir ta` digriet moghti mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) f`kawza fejn Camilleri huwa l-attur. M`ghandux ghalfejn ikun hemm l-icken dubju, mhux biss ghall-fini ta` integrita` ta` gudizzju, izda fuq kollox minhabba l-interess dirett li ghandu fl-esitu ta` dan il-procediment, inkluz li jikkontesta fil-mertu l-fondatezza tal-lanzjanzi tar-rikorrenti, illi Camilleri ghandu jkun parti fil-kawza odjerna."*

Aktar riċenti l-Qorti Kostituzzjonali reġgħet saħħet l-istess prinċipji fid-deċizzjoni fl-ismijiet **Av. Alfred Grech vs. L-Avukat Generali et.**[3] Il-Qorti se terga tiċċita fit-tul il-ġurisprudenza riferuta għax l-analizi li tagħmel l-għola Qorti fihom jagħti rassenja ċara u analitika tal-bżonn tal-kjamat in kawza f'istanzi fejn tkun qed tiġi attakata proċedura li fiha t-terz ma jkunx ġie nvolut mir-rikorrenti.

*"Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti.*

*8. Ir-rikorrent qed jappella mid-decizjoni tal-ewwel Qorti li permezz taghha dik il-Qorti laqghet it-talba tal-intimati ghall-kjamata in kawza ta' Anthony Xuereb li hu l-persuna li kienet istitwixxiet il-proceduri ta' sfida quddiem il-Qorti Kriminali sabiex jittiehdu proceduri kriminali mill-Pulizija Ezekuttiva kontra r-rikorrent skond il-kwerela maghmula mill-istess Anthony Xuereb, allura l-isfidant. Jissottometti li, ghalkemm dik il-Qorti ghamlet rassenja estensiva tal-gurisprudenza fuq is-suggett tal-kjamata fil-kawza, naqset milli taghmel analizi u milli tkun diskriminatorja fl-applikazzjoni tal-principji li johorgu minn dik il-gurisprudenza.*

*Ir-Rikorrent ikompli jissottometti hekk.*

*9. Skond hu l-ewwel Qorti naqset milli tikkunsidra x'kien l-interess guridiku necessarju. Jissottometti li l-interess guridiku rikjest sabiex persuna tigi kjamata fil-kawza hu dak ta' legittimu kontradittur u li hu meqjus legalment bhala konvenut li jista' jigi liberat jew ikkundannat Jissenjala li l-ghan tal-istitut tal-kjamat fil-kawza hu kemm l-ekonomija tal-gudizzju, kif ukoll dak li jigu evitati konflitti ta' gudizzji separati u multiplikazzjoni ta' kawzi. L-interess guridiku skond il-gurisprudenza u d-dottrina irid jkun wiehed dirett, kif ukoll legittimu u attwali. Jilmenta li l-ewwel Qorti naqset milli tanalizza s-sottomissjoni tieghu li, fil-proceduri odjerni, Anthony Xuereb kien nieqes minn kull interess guridiku u l-fatt li persuna taghmel denunzja ma taghmlux parti leza u "wisq anqas*

[3] Deċiza 27/09/2019 Rikors 49/18MH

=

*jikkwalifika bhala parti civili fil-proceduri kriminali li jistghu jsegwu". Ghalhekk l-interess ta' Anthony Xuereb huwa wiehed ipotetiku. Jkompli jispjega*

*"..... l-interess ta' Anthony Xuereb f'dan il-kaz ghadu biss ipotetiku u mhux reali aktar u aktar meta l-istess Qorti naqset li tezamina n-natura tar-reat/reati denunzjati biex tistabbilixxi jekk Anthony Xuereb jikkwalifikax bhala parti leza, cioe` jekk hemmx xi hsara li seta' garrab u jekk il-proceduri kriminali huma ser iwasslu biex jipprokuraw xi rizultat vantaggjuz jew skop utili (Vol.XLIX.ii.925. Huwa risaput li l-interess guridiku mhux bil-fors ikun wiehed li jigi kwantifikat f'somma determinata ta' flus jew gid, imma jista' jkun imsejjes biex ihares jew jaghti gharfien ghall-morali jew soggettiv imbasta l-jekk invokat ma jkunx wiehed ipotetiku. (Appell – 'Formosa Gauci vs Lanfranco, deciza 28 Novembru 2003)"*
*10. Ir-rikorrent ikompli jissottometti dwar id-drittijiet u l-obbligi tal-kjamat fil-kawza li jistghu jintlaqtu mis-sentenza finali fil-proceduri odjerni. Jghid li, filwaqt li l-ewwel Qorti gharfet li l-legittimu kontradittur f'proceduri ta' natura kostituzzjonali hu l-Gvern, huwa jiccita parti mid-digriet appellat fejn jinghad li, fejn it-tip ta' rimedju mitlub ikollu effett fuq id-drittijiet ta' terzi, il-prezenza ta' terzi hi meritata. Izda, skond hu, l-ewwel Qorti naqset milli tikkunsidra x'inhuma dawk id-drittijiet. Hu jghid li l-ghan tar-rapport li ghamel Anthony Xuereb huwa intiz biss biex jikkagunalu hsara u mhux biex jigi tutelat xi dritt legali tal-istess Anthony Xuereb.*

*11. Wara li jaghmel referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti moghtija fid-29 ta' Ottubru 2018 fl-ismijiet* **Simon Busuttil vs l-Avukat Generali et,** *u jghid li d-digriet appellat ma ssegwi bl-ebda mod dik dak osservat f'dik is-sentenza. Hu jislet parti minn dik is-sentenza fejn jinghad li l-interess tal-attur f'dik il-kawza kien biss l-interess ta' kull cittadin li jrid li l-ligi tigi mharsa u jghid li fil-kaz odjern l-interess ta' Anthony Xuereb hu l-istess u ghalhekk ma kienx wiehed legittimu li ghandu jwassal sabiex jigi kjamat fil-kawza.*

*12. L-intimati fir-risposta taghhom jissottomettu li m'ghandu jkun hemm l-ebda dubju dwar l-interess dirett ta' Anthony Xuereb fil-proceduri odjerni. Kien Anthony Xuereb li beda l-proceduri ta' sfida kontra l-Kumissarju tal-Pulizija sabiex jittiehdu passi kriminali kontra r-rikorrent u fil-kawza odjerna dan tal-ahhar qed jitlob li dawk il-proceduri jigu dikjarati nulli. Huma jaghmlu referenza u jiccitaw parti mis-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet* **Partit Nazzjonalita vs Kummissjoni Elettorali et** *tad-29 ta' Mejju 2015 u jghidu li s-sejha ta' terz f'kawza tista' sahansitra ssir ex officio mill-Qorti stess. Hekk fil-fatt gara fil-kawza fl-ismijiet* **Grace Spiteri vs Avukat Generali** *fejn din il-Qorti permezz tas-sentenza taghha tal-25 ta' April 2018 baghtet lura l-atti lill-ewwel Qorti sabiex jigi kjamat terz fil-kawza.*

=

*Kunsiderazzjonijiet Ulterjuri*

*13. Din il-Qorti tghid li sewwa ddecidiet l-ewwel Qorti li tordna l-kjamata fil-kawza ta' Anthony Xuereb. Il-principji li jirregolaw l-istitut tal-kjamata in kawza huma proprju dawk li l-ewwel Qorti tikkunsidra b'referenza ghall-gurisprudenza fil-materja. Ghalkemm ma jistax jinghad li l-osservazzjonijiet tar-rikorrent mhumiex rilevanti, madankollu, filwaqt li jesponi diversi principji mportanti dwar il-materja, huwa jinjora il-fatt li t-talba tieghu ghan-nullita` tal-proceduri tal-isfida tolqot d-drittijiet tal-isfidant Anthony Xuereb. L-artikolu 541 tal-Kodici Kriminali relevanti ghal din il-vertenza jaqra hekk:*

*"541.(1) Jekk, fil-każijiet li fihom it-tmexxija tal-azzjoni kriminali tmiss lill-Pulizija Eżekuttiva, din ma tkunx trid taġixxi wara d-denunzja, ir-rapport jew il-kwerela ta' delitt, il-persuna li tkun għamlet id-denunzja, ir-rapport jew il-kwerela tista' titlob, b'rikors, lill-Qorti tal-Maġistrati li jiġi ordnat lill-Pulizija li tmexxi l-proċeduri meħtieġa; u jekk il-qorti, wara li, meta jinħtieġ, tisma' l-provi li jġib ir-rikorrent, u l-Kummissarju tal-Pulizija, issib li prima facie hemm lok għad-denunzja, rapport jew kwerela, għandha tilqa' t-talba u tinnotifika, bil-mezz tar-reġistratur, lill-Kummissarju tal-Pulizja bl-ordni li tagħti għaldaqshekk:.."*

*14. Mill-artikolu appena citat jirrizulta li l-ligi taghti d-dritt, u allura dritt legali, lill-persuna li tkun ghamlet denunzja, rapport jew kwerela [id-denunzja] lill-Pulizija, titlob permezz ta' rikors lill-Qorti tal-Magistrati fil-kompetenza kriminali taghha sabiex l-Pulizija tmexxi proceduri kriminali kontra dak li fil-konfront tieghu tkun saret id-denunzja, rapport jew kwerela. Ghalhekk id-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati f'dak il-kaz taffetwa mhux biss lill-persuna li kontra taghha tkun saret id-denunzja izda wkoll lill-istess Anthony Xuereb li ghandu interess fl-ezitu ta' dawk il-proceduri.*

*15. Ir-rikorrent jghid li l-ewwel Qorti naqset milli taghmel definizzjoni ta' dak li hu interess guridiku u jissenjala li l-interess guridiku ghandu johrog minn stat attwali ta' ksur ta' jedd filwaqt li, skond hu, l-interess guridiku ta' Anthony Xuereb f'dan l-istadju fejn hu ghadu biss ipprezenta denunzja ta' reat lill-pulizija hu wiehed ipotetiku u mhux reali. Dan aktar u aktar, ikompli jghid, meta l-ewwel Qorti naqset milli tezamina n-natura tar-reat/reati denunzjati fejn imbaghad Anthony Xuereb jikkwalifika bhala l-parti leza.*

*16. Din il-Qorti tosserva li s-sottomissjoni tar-rikorrenti li bil-fatt biss li kienet saret id-denunzja u li wkoll saru l-proceduri ta' sfida taht l-artikolu precitat jirrendi l-interess tal-isfidant bhala wiehed ipotetiku, mhijiex korretta, kif mhux korretta s-sottomissjoni tieghu li, sabiex jigi stabbilit l-interess guridiku, ghandu*

=

*jigi ezaminat in-natura tar-reat jew reati denunzjati. L-interess guridiku ta' Anthony Xuereb fil-process tal-isfida ma jistax jitqies bhala wiehed ipotetiku kif qed jippretendi r-rikorrent, meta l-ligi stess taghtih id-dritt li jressaq dawk il-proceduri; isegwi li l-istess Anthony Xuereb bhala promotur ta' dawn il-proceduri ghandu necessarjament interess fl-ezitu taghhom, u, ladarba fil-proceduri kostituzzjonali odjerni qed tintalab bhala wiehed mir-rimedji dikjarazzjoni tan-nullita` ta' dawk il-proceduri, ghandu jirrizulta manifest li l-interess guridiku ta' Anthony Xuereb fil-proceduri odjerni hu wiehed legittimu u reali, u n-natura tar-reat denunzjat huwa irrelevanti stante li s-soggett tal-vertenza mhuwiex ir-reat denunzjat izda l-proceduri ta' sfida imressqa minn Anthony Xuereb li agixxa billi ezercita dritt moghti lilu mil-ligi u li kien parti f'dawk il-proceduri. Dan japplika multo magis fil-kaz odjern meta l-proceduri tal-isfida, defenittivament maghluqa bid-digriet tal-Qorti Kriminali, kellhom ezitu favorevoli ghat-talba tal-isfidant. Fir-rigward hija relevanti l-osservazzjoni maghmula minn din il-Qorti fil-kawza Grace Spiteri vs Avukat Generali deciza fil-25 ta' April 2018:*

*"14. Iżda billi d-deċiżjoni dwar ir-rikuża ngħatat fi proċeduri fejn kienu parti wkoll terzi, mhux biss l-attriċi tallum, it-tħassir ta' dik id-deċiżjoni jolqot il-posizzjoni legali ta' dawk it-terzi, bi ksur tal-jedd tagħhom għal smigħ xieraq fid-dawl tar-regola audi alteram partem. Huwa ovvju għalhekk l-interess tat-terzi f'dawn il-proċeduri wkoll għax jekk l-appell jintlaqa' jintlaqtu wkoll id-drittijiet tagħhom. Għalhekk it-terzi li huma parti fil-kawża li fiha ngħatat l-eċċezzjoni ta' rikuża għandhom jissejħu f'din il-kawża wkoll sabiex il-qorti tisma' x'għandhom xi jgħidu"*

*17. Ghaldaqstant din il-Qorti tqis l-aggravju tar-rikorrent mhux gustifikat u qeghda tichdu.*

*Decide*

*Ghal dawn il-motivi, din l-Qorti tiddisponi mill-appell tar-rikorrent billi tichdu u tibghat lura l-atti quddiem l-ewwel Qorti ghall-prosegwiment tal-kawza."*

Ikkonsidrat

Magħmula  dawn l-esposizzjonijiet ġurisprudenzjali  din l-Qorti se tgħaddi biex teżamina l-ewwel eċċezzjoni ta' l-Avukat Generali li titlob il-kjamat in kawza ta' missier il-minuri.

=

-Ir-rikorrenti tibażа l-ewwel oġġezzjoni tagħha għal din is-sejħa ta' żewġha u missier uliedha[4] billi tispjega fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha d-differenza ovvja f'dak li hu l applikabilta' ta' dritt pubbliku ad differenza ta' dritt privat: din ta' l-ewwel ta' applikabilta' vertikali ċioe bejn l-istat u l-individwu privat għad differenza misjuba fid-dritt privat li għandha applikazzjoni orrizontali bejn persuni privati nnifishom. Targumenta għalhekk illi d-drittijiet naxxenti mill-lat konvezzjonali huma strettament ta' natura vertikali u biss ta' applikazzjoni u effett bejn stat u ċittadin. B'hekk targumenta lix-xilja fil-kaz in ezami tista ssir biss fil-konfront ta' l-istat li huwa l-uniku legittimu kontradittur li għandu jirrispondi għalija u li għandu jagħti rimedji adekwati, l-uniku li fil-fatt jista' jagħmel dan meta tkun qed tiġi mpunjata liġi jew operazzjoni ta' entita' ġuridika bħal kaz in eżami.

Pero, u hawn il-qorti tagħmilha ċara li hi mhux qegħda tonqos minn xi kuragg li tippronunzja ruħha b'mod differenti mill-kazistika elenkata kif ġie suggerit lilha fit-trattazzjoni, imma għax verament temmen li f'isem is-sewwa hekk għandu jkun, li kif rajna mill-ġurisprudenza kopjuza ċitata, għal integrita tal-ġudizzju terż li għandu interess dirett u attwali fl'eżitu ta' kawza li qed tiġi mpunjata għandu kull dritt u lok li jkun presenti u attiv f'dawn il-proċeduri. Dan ma jista qatt ifisser li dan it-terz jista' qatt jagħti rimedju kontra xi ksur jekk dan jirizulta, huwa biss l-istat li huwa mgħobbi b'dan, imma bil-parteċipazzjoni attiva tiegħu jista jagħti kontribut aħħari u ta' siewi fil-vertenza, ukoll jiprotegi l-interessi tiegħu fit-talbiet li nevitabilment jolqtu lilu.

Ir-rikorrenti targumenta ukoll illi bl-inklussjoni ta' żewgha bħal koatt fil kawza, (in kwantu hu qatt ma talab li jintervjeni, jekk tabilħaqq għandu amment ta' dawn il-proceduri), dawn il-proċeduri ma huma se jservu għal xejn anqas ħlief ta' terża revizzjoni tal-vertenza per se. Targumenta fil-fatt li dawn il-proċeduri b'hekk iservu bħala Qorti ta' tielet grad in kwantu darba li żewgha ikun msejjaħ bħala intimat, jitqies li qed jerġgħu jiġu eżaminati l-lanjanzi fil-mertu.

Fil-fehma ta' din il-Qorti dan huwa argument għal kollox żbaljat ġia għaliex a priori din il-Qorti ma hi se tippermetti qatt illi f'dawn il-proċeduri ta' indoli Kostituzzjonali u Konvenzzjonali jiġu indirizati argumenti li jolqtu l-mertu ta' aċċess tal-minuri. Dan *a prexindere* mill-ezami ta' l-allegazzjonijet imressqa u r-rimedji mitluba.

Kienet ir-rikorrenti li ippernjat it-talbiet u r-rimedji mixtieqa, l-inklussjoni ta' żewgha ma jiżnaturax l-azzjoni mill-lat Kostituzzjonali u Konvenzjonali. Qajla

---

[4] **Jidher tlieta minnhom.**

=

pero jista' wieħed jargumenta li missier l-ulied m'għandux jkun f'din il-vertenza meta wieħed mir-rimedji mitluba hu li kontrih jinbdew proċeduri kriminali, b' dan pero li l-inklussjoni tal-missier ma tista' qatt tibdel in-natura tal-kawza u x-xilja tagħha.

Tqies ukoll lir-rikorrenti tisħaqq bis-saħħa, u tiċċita żewg deċizzjonijiet u ġuristi biex issaħħhaħ l-argument tagħha, lil Qorti Ewropeja Għad-Drittijiet tal-Bniedem f'kawzi ta' natura Konvenzjonali ma tippermetti qatt il-kjamat in kawza tat-terz imma biss l-intervent ta' parti.

Fil-fatt ħarsa lejn ir-**Rules of Court tal-Qorti Ewropeja**[5], insibu li fir-regola 44 hemm regolat dak li jissejjaħ *"third party intervention".* Tant kien maħsub li jistgħu jitressqu u jiġu esposti interessi oħra, oltre ta' l-applikant u l-*Contracting State,* illi jinġħad fl-istess illi *" ...the President of the Chamber may in the interests of these proper administration of justice ...invite or grant leave to, any Contracting party which is not a party to the proceedings, or any person concerned who is not the applicant, to submit written or, in exceptional case to take part in a hearing"*

Indubbjament il-Qorti Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem ma tista qatt tippermetti intevent ta' terz oltre dak kif maħsub. Il-Konvenzzjoni Ewropea għall-Protezzjoni u tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali hija strument legali ta' dritt pubbliku li jorbot lil pajjiżi firmatarji b'obbligi lejn iċ-ċittadin tant li dejjem wieħed jitkellem fuq *"Contracting State"* u mhux l-individwu bħala kontraent. Minn naħa l-oħra l-applikazzjoni tad-drittijiet u prinċipji mħaddna fil-Konvenzzjoni kif illum imħaddna fil-liġi domestika nostrana fil-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta jippermetti fl-ambitu tal-prinċipji suriferiti u bl-applikazzjoni ta' normi ċivili domestiċi li jiġi mħaddan ukoll l-istitut tal-kjamat in kawza fejn neċassarju bla ma tinbiddel in-natura ta' l-azzjoni ventilata.

Fil-kaz tal-Qorti Ewropeja l-intervenut jservi ta' *amicus curiae* tant lir-regola riferuta tipprovdi għal intervent tal-Kummissjoni Għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill Ewropej[6] li zgur ma tista qatt tirrispondi għal ebda ksur taħt l-istess Konvenzzjoni. B'dana kollu pero il-Qorti tagħti lok għal smiegħ ta' terzi anke ta'

---

[5] Ippublikat mill-Kunsill Ewropew fid-9 ta' Settembru, 2019

[6] Regola 44(2)

=

NGOs u anke f'kazi eċċezzjonali ta'  ċittadini nonostante li dawn mhux se joffru ebda rimedju,  hawn anke bl-iskop li tiġi miżmuma  ċerta unita' u uniformita'.[7]

Pero  *a prexindere* min minn hu obbligat joffri rimedju, din il-Qorti tibqa tal-fehma soda illi minħabba l-integrita' ta' ġudizzju, marbut sewwa sew u sfiq mat-talbiet tar-rikorrenti, li hi għandha tippermetti  l-kjamat in kawza ta' ulied il-minuri Brannon  skont kif eċċepiet mill-Avukat Generali dan in kwantu għal interess ovvju li l-istess koatt għandu fl-eżitu ta' dawn il-proċeduri bil-ferma ntiża li din il-Qorti mhux se tikkonfondi l-kompetenza tagħha jew tħalli li dawn il-proċeduri jservu ta' revizzjoni ta' terzo grad ta' dak ġia deċiż minn Qrati oħra  fil-konfront tal-mertu rigwardanti l-minuri.

**Konsegwentement il-Qorti qegħda tilqa l-ewwel eċċezzjoni ta' l-Avukat Generali u tordna l-kjamat in kawza ta' Travis Liegh Brannon.**

-It-tieni eċċezzjoni ta' L-Avukat Generali hija li ir-rikorrenti omm  m'għandhiex tagħmel kawza f'isem uliedha għax ma kellhiex il-kura u kustodja tagħhom  u li fl-aħħajr amministrazzjoni tal-ġustizzja għandu jiġi maħtur avukat tat-tfal biex jirrapresenta lil istess minuri.

Illi da parti tagħha ir-rikorrenti omm targumenta illi fil-fatt a kontrarju ta' dak li jallega l-Avukat Generali l-kura u kustodja ta' uliedha hija vestita fiha u l-uniku bdiel li sar b'digriet huwa fil-konfront ta' l-aċċess. Fil-fatt dan huwa l-punt ta' kontestazzjoni f'dawn il-proċeduri.

Għandu ukoll jiġi premess illi minn dak li qed tifhem il-Qorti huma biss tlett ulied tar-rikorrenti omm li huma ukoll ulied l'issa imsejjaħ fil-kawza Travis Leigh Brannon. **Għalhekk id-deċizzjoni ta' din il-Qorti f'dan ir-rigward tmiss biss lil ulied l-konjugi Brannon**.

Illi l-Qorti tagħraf lli minħabba il-fatt lil ġlieda fil-mertu hija fuq l-aċċess ta' l-ulied u l-użu ta' informazzjoni konċernanti l-ħajja privata ta' l-omm li wasslet għal bdil fl-aċċess ta' l-istess ulied, ukoll li bħala fatt illum il-gimgħa tat-tfal hija maqsuma bejn iż-żewġ genituri,  li jkun fl-aħjar interess tal-ġustizja u senjatament ta' l-ulied,  li jkollhom persuna apposita u distinta mill-omm li tidher għal interessi tagħhom.

[7] Strasbourg Observers: Third Party Interventions before the EctHR: A Rough Guide

=

Illi f'dan ir-rigward il-Qorti se tagħmel referenza għal bran meħud minn deċizzjoni tal-Qorti ta' l-Appell li juri l-ispirtu tal-Qrati tagħna fir-rigward:-

> *"Dwar it-tieni rikors għall-ħatra ta' Avukat tat-Tfal, din il-Qorti tqis li, kif sewwa jgħidu l-appellati, tali provvediment ma baqax meħtieġ hekk kif l-ewwel Qorti, b'degriet tat-13 ta' Jannar, 2016, kienet ħatret lill-apellanti bħala kuratriċi "ad litem" tal-istess minuri. Mal-għoti tal-imsemmi degriet, il-jeddijiet tal-minuri kif rappreżentat minn ommu kienu maħsuba li jkunu mħarsa matul il-proċediment kollu u f'dak kollu li huwa meħtieġ. Kien provvediment li kellu l-effett li jagħti lill-minuri kif hekk rappreżenatat "ad litem" il-fakulta' li l-pożizzjoni tiegħu fil-kawża titressaq bl-aktar mod sħiħ bħala parti fil-kawża u mgħejjun kif imiss minn avukat."*[8].

<u>Parentesi żgħira f'dan ir-rigward hu li dan l-appell ukoll kien generat minn proċess u deċizzjoni rigwardanti l-kura u kustodja ta' minuri u l-konflitt fir-rigward bejn il-ġenituri.</u>

Jiġi nuttat illi fil-fatt tul il-proċeduri odjerni ma ġie qatt mitlub mill-omm rikorrenti li jkun hemm *deputati ad litem* in rappresentanza tat-tfal minuri. Huwa vera illi l-omm għandha il-kura u l-kustodja ta' uliedha Brannon pero fl-aħjar interess tal-ġustizzja u aktar fl-interess ta' l-istess minuri anke minħabba in-natura tal-vertenza fil-mertu u ukoll minħabba il-fatt li llum huma spiċċaw fi proċeduri kontra missierhom li miegħu jgħixu għal nofs il-gimgħa, din il-Qorti tħoss li l-interess tal-minuri ulied Brannon ikun kif jingħad *best served* jekk ikun distint u separat mill-omm, tenut li huma llum spiċċaw jiżfnu f'nofs il-ġenituri tagħhom, u frankament bla vuċi in kapitolo f'dawn il-proċeduri. Ġialadarba għalhekk ma ġewx maħtura *kuraturi ad litem* il-Qorti tħoss illi għandha issib favur l-eċċezzjoni ta' l-Avukat Generali u taħtar Avukat tat-tfal biex jirrapresenta aħjar l-interessi tal-minuri Brannon f'din l-istanza.

**Għaldaqstant taqta u tiddeċidi billi tilqa l-ewwel żewg eċċezzjonijiet preliminari ta' l-Avukat Generali u tordna li jiġi kjamat in kawza Travis Leigh Brannon ukoll tordna li jiġi maħtur bħala avukat tat-tfal biex jirrapresenta f'dawn il-proċeduri l-aħjar interess tal-minuri ulied Brannon lil ...........**

[8] **Sharon Rose Roche et. vs l-Avukat Generali et.** 81/15AF ; 16/03/2017

=

**Bl-ispejjez għak-karigu tar-rikorrenti**.

**Onor. Mirima Hayman**

**Imhallef**

**Victor Deguara**

**Dep Reg**